

**ANNES I**

**SOMMARJU TAL-KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT**

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzati

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

PhotoBarr 15 mg trab għal soluzzjoni għall-injezzjoni.

## 2. GĦAMLA KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

Kull kunjett fih 15 mg porfimer sodium. Wara r-rikostituzzjoni, kull ml ta' soluzzjoni fiha 2.5 mg porfimer sodium.

Għal-lista kompleta ta' sustanzi mhux attivi, ara sezzjoni 6.1.

## 3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Trab għal soluzzjoni għall-injezzjoni.

Trab jew kejk ta' kulur ħamrani skur għal kannella fl-aħmari.

## 4. TAGĦRIF KLINIKU

### 4.1 Indikazzjonijiet terapewtiċi

Terapija fotodinamika (PDT) permezz ta' PhotoBarr hija indikata għal asportazzjoni ta' displasja qawwiya (HGD) f'pazjenti li għandhom Esofagu ta' Barrett (BO).

### 4.2 Pożoloġija u metodu ta' kif għandu jingħata

Terapija fotodinamika permezz ta' PhotoBarr trid issir biss minn tabib b'esperjenza fl-użu tal-proċeduri tal-laser endoskopiku, jew inkella taħt is-sorveljanza tiegħu. Il-prodott mediċinali għandu jingħata biss meta l-materjal u l-ħaddiema li għandhom esperjenza fl-evalwar u l-kura tal-anafilasi, jkunu disponibbli minnufih.

#### Pożoloġija

Id-doża rakkomandata ta' PhotoBarr hi ta' 2 mg/kg piż tal-ġisem

Soluzzjoni ta' PhotoBarr rikostitwita (ml) =  $\frac{\text{Piż tal-ġisem tal-pazjent (kg)} \times 2 \text{ mg/kg}}{2.5 \text{ mg/ml}} = 0.8 \times \text{piż tal-ġisem}$

Wara r-rikostituzzjoni, PhotoBarr hu soluzzjoni opaka ta' lewn ħamrani skur għal kannella fl-aħmar.

Soluzzjoni mingħajr frak u mingħajr sinjali ta' deterjorament biss għandha tintuża.

It-terapija fotodinamika permezz ta' PhotoBarr hija maqsuma f'żewġ stadji, u tirrikjedi li jingħata kemm prodott mediċinali kif ukoll dawl. Kors wieħed ta' PDT jikkonsisti minn injezzjoni waħda u applikazzjoni waħda jew tnejn tad-dawl.

Fil-każ li l-HGD jibqa' jippersisti, jistgħu jingħataw aktar korsijiet (sa massimu ta' tliet korsijiet) ta' trattament (li bejniethom irid ikun hemm tal-anqas 90 jum bejniethom) sabiex ir-rata ta' rispons tkun ogħla. Dan irid jiġi bilanċjat mar-rata ogħla ta' kontrazzjoni. (ara sezzjonijiet 4.8 u 5.1)

Il-progress għal kanċer kien relatat mal-għadd ta' korsijiet ta' PDT mogħtija. Pazjenti li rċevew kors wieħed ta' PDT kellhom riskju ogħla ta' firxa għal kanċer milli dawk li rċevew żewġ jew tliet korsijiet ta' PDT (50% kontra 39% u 11% rispettivament).

### Mod ta' amministrazzjoni

Għal struzzjonijiet dwar ir-rikostituzzjoni qabel l-għoti, ara sezzjoni 6.6.

It-tobba għandhom ikunu mħarrġin fl-użu ta' terapija fotodinamika. L-ewwel parti ta' din it-terapija tikkonsisti f'injezzjoni ġol-vina bil-mod ta' PhotoBarr. It-tieni parti tat-terapija tinbeda 40-50 siegħa wara l-injezzjoni ta' Photobarr. Waqt it-tieni parti tat-terapija jkun hemm illuminazzjoni bid-dawl laser. Il-pazjenti jistgħu jerġgħu jingħataw it-tieni illuminazzjoni bil-laser 96-120 siegħa wara li jkun ingħata PhotoBarr.

PhotoBarr għandu jingħata bħala injezzjoni waħda intravenuża bil-mod. L-injezzjoni ddum tingħata l fuq minn 3 minuti sa 5 minuti. Jekk bi żball ma jingħatax fil-vina, jista' jkun hemm ħsara fit-tessut ta' madwar il-vina. Għalhekk, attenzjoni għandha tingħata sabiex ma jkunx hemm ekstravażjoni fis-sit tal-injezzjoni. F'każ ta' ekstravażjoni, l-erja trid tiġi mħarsa mid-dawl għal mill-anqas 90 jum. Ma jidhrix li jkun ta' ġid li tingħata injezzjoni ta' xi sustanza oħra fil-post tal-ekstravażjoni.

It-trattament bid-dawl għandu jinbeda madwar 40-50 siegħa wara li jingħata PhotoBarr. Id-dawl jiġi diffuż permezz ta' fibra ottika li jgħaddi minn kanal ċentrali li hemm f'bużżeġa, li tsservi biex it-tessut isserraħ fuqha. L-għażla ta' tagħmir ta' kombinazzjoni ta' diffużur ta' fibra ottika, u bużżeġa, tiddependi fuq it-tul tal-esofagu li jkun ser jiġi ttrattat (Tabella 1).

Tabella 1. Diffużur tal-fibra ottika, flimkien mal-bużżeġa<sup>a</sup>

| Tul ta' tessut mukuż fl-esofagu ta' Barrett li jkun ttrattat (ċm) | Qis tad-diffużur tal-fibra ottika (ċm) | Qis tal-kanal tal-bużżeġa (ċm) |
|-------------------------------------------------------------------|----------------------------------------|--------------------------------|
| 6-7                                                               | 9                                      | 7                              |
| 4-5                                                               | 7                                      | 5                              |
| 1-3                                                               | 5                                      | 3                              |

<sup>a</sup> Fejn possibli, il-parti tal-esofagu ta' Barrett li jkun se jiġi ttrattat, għandu jkollu burduri ta' tessut normali, ta' ftit millimetri fuq in-naħa ta' quddiem u ta' wara.

### *Doża ta' dawl*

L-attivazzjoni bid-dawl hija kkontrollata bid-doża tad-dawl fornuta. L-għan huwa li ż-żoni ta' HGD u t-tul kollu tal-esofagu ta' Barrett jiġu esposti għad-dawl u ttrattati. Id-doża ta' dawl tkun ta' 130 Joules/ċm (J/ċm) ta' tul tad-diffużur meta tintuża bużżeġa li tiċċentra. Skond sħarriġ ta' qabel l-użu kliniku, l-intensità tad-dawl aċċettata meta jintuża d-diffużur flimkien mal-bużżeġa, għandha tkun fuq medda ta' 175-270 mW/ċm ta' diffużur.

Biex tikkalkola d-doża tad-dawl, il-formula dozimetrika li ġejja tintuża għal kull diffużur li jaħdem fil-fibra ottika:

$$\text{Id-doża tad-dawl (J/ċm)} = \frac{\text{Rata ta' enerġija li toħroġ mid-diffużur (W)} \times \text{żmien tat-trattament (sec)}}{\text{Tul tad-diffużur (ċm)}}$$

Tabella 2 turi l-aġġustamenti biex tingħata doża fl-anqas ħin (b'intensità tad-dawl ta' 270 mW/ċm). It-tieni għażla (b'intensità tad-dawl ta' 200 mW/ċm) ġiet inkluża biex jiġu aġġustati tagħmir tal-laser li għandhom kapaċità totali li ma' taqbiżx 2.5 W.

TABELLA 2. Rata ta' enerġija li toħroġ mid-diffużur tal-fibra ottika u tul ta' żmien tat-trattament meħtieġ biex iforni 130 J/ċm ta' tul ta' diffużur bil-bużżeġa li tiċċentra.

| Qis tal-kanal tal-bużżeġa (ċm) | Tul tal-apparat (ċm) | Intensità tad-dawl (mW/ċm) | Rata ta' enerġija meħtieġa <sup>a</sup> (W) | Tul ta' żmien tat-trattament (sec) | Tul ta' żmien tat-trattament (min:sec) |
|--------------------------------|----------------------|----------------------------|---------------------------------------------|------------------------------------|----------------------------------------|
| 3                              | 5                    | 270                        | 1.35                                        | 480                                | 8:00                                   |
| 5                              | 7                    | 270                        | 1.90                                        | 480                                | 8:00                                   |
|                                |                      | 200                        | 1.40                                        | 650                                | 10:50                                  |
| 7                              | 9                    | 270                        | 2.44                                        | 480                                | 8:00                                   |

|  |  |     |      |     |       |
|--|--|-----|------|-----|-------|
|  |  | 200 | 1.80 | 650 | 10:50 |
|--|--|-----|------|-----|-------|

<sup>a</sup> Kif mkejla bit-tagħmir li jkejjel l-enerġija wara li jiġi mgħaddas id-diffużur u miżjud bil-mod il-qawwa tal-laser. Nota: Il-qawwa tal-laser meħtieġa mhux suppost tkun aktar minn 1.5 darba aktar minn dik li toħroġ mid-diffużur. Jekk ikun hemm bżonn ta' aktar minn hekk, is-sistema għandha tiġi ċċekjata.

Diffużuri tal-fibra ottika qosra ( $\leq 2.5$  ċm) jintużaw fuq għoqod ta' tumuri żgħar b'rata ta' 50 J/ċm ta' tul tal-apparat, qabel l-ewwel trattament regolari bil-bużżieqa waqt l-ewwel espożizzjoni b'laser. Jintuża wkoll fuq żoni li jitqabbżu wara l-ewwel trattament b'laser. F'dan it-trattament, id-diffużur tal-fibra ottika, jintuża mingħajr bużżieqa, u b'intensità tad-dawl ta' 400 mW/ċm. Tabella 3 turi r-rata tal-enerġija li toħroġ mill-apparat tal-fibra ottika, kif ukoll it-tul ta' żmien ta' trattament meta l-intensità tad-dawl tkun 400 mW/ċm.

*Tabella 3. Diffużuri bil-fibra ottika qosra li jintużaw mingħajr bużżieqa li tiċċentra, biex ifornu 50 J/ċm ta' tul tad-diffużur, b'intensità ta' dawl ta' 400 mW/ċm*

| Tul tad-diffużur (ċm) | Rata ta' enerġija meħtieġa mid-diffużur <sup>a</sup> (W) | Tul tat-trattament (sec) | Tul tat-trattament (min:sec) |
|-----------------------|----------------------------------------------------------|--------------------------|------------------------------|
| 1.0                   | 0.4                                                      | 125                      | 2:05                         |
| 1.5                   | 0.6                                                      | 125                      | 2:05                         |
| 2.0                   | 0.8                                                      | 125                      | 2:05                         |
| 2.5                   | 1.0                                                      | 125                      | 2:05                         |

<sup>a</sup> Kif mkejla bit-tagħmir li jkejjel l-enerġija wara li jiġi mgħaddas id-diffużur u miżjud bil-mod il-qawwa tal-laser. Nota: Il-qawwa tal-laser meħtieġa mhux suppost tkun aktar minn 1.5 darba aktar minn dik li toħroġ mid-diffużur. Jekk ikun hemm bżonn ta' aktar minn hekk, is-sistema għandha tiġi ċċekjata.

#### *L-ewwel espożizzjoni għad-dawl*

Waqt l-ewwel sessjoni bid-dawl jiġi ttrattat tul massimu ta' 7 ċm ta' mukoża ta' Barrett, u jintużaw bużżieqa u diffużur tal-fibra ottika, ta' qis xieraq (Tabella 1). Fejn possibbli, il-parti magħżula li trid tiġi ttrattata bid-dawl, għandha jkun fiha żoni ta' HGD. Barra dan, fejn possibbli, il-parti tal-esofagu ta' Barrett li tkun ser tiġi ttrattata, għandha jkollha burduri ta' f'tit millimetri tessut normali fuq in-naħa ta' quddiem u ta' wara. Qabel it-trattament ewlieni, għoqod ta' tumuri żgħar għandhom jiġu ttrattati b'dożi ta' dawl ta' 50 J/ċm ta' tul tad-diffużur F'dan il-każ jintuża diffużur tal-fibra ottika qasira ( $\leq 2.5$  ċm), li jitqiegħed direttament bi dritt l-għoqod. Wara jkun hemm applikazzjoni standard regolari bil-bużżieqa, kif spjegat hawn fuq.

#### *Espożizzjoni għad-dawl ripetuta*

It-tieni trattament bid-dawl laser jista' jerġa jingħata fuq l-istess lok meta jkun hemm żoni maqbuża (jiġifieri, żoni fejn it-tessut mukuż ma jkunx irrisponda biżżejjed għat trattament ta' qabel). Fit-tieni trattament jintuża diffużur tal-fibra ottika qasira ta'  $\leq 2.5$  ċm u b'doża ta' dawl ta' 50 J/ċm ta' tul tal-apparat (ara Tabella 3). Il-kors tat-trattament huwa spjegat fil-qosor f' Tabella 4. Pazjenti b' esofagu ta' Barrett > 7 ċm, għandu jkollhom il-kumplament tal-epitelju ta' Barrett li ma jintlaħaqx fl-ewwel trattament, ittrattat b' kors ieħor ta' terapija fotodinamika, tal-anqas 90 jum wara.

*TABELLA 4. Displasja qawwiya fl-esofagu ta' Barrett li huwa  $\leq 7$  ċm*

| Proċedura                    | Jum ta' studju     | Tagħmir ħafif biex jitwassal id-dawl                       | Kif intenzjonat it-trattament    |
|------------------------------|--------------------|------------------------------------------------------------|----------------------------------|
| Injezzjoni PhotoBarr         | Jum 1              | Mhux applikabbli                                           | Jittieħed il-fotosensitizzatur   |
| Espożizzjoni għad-dawl laser | Jum 3 <sup>a</sup> | Bużżieqa ta' 3, 5 jew 7 ċm (130 J/ċm)                      | Attivazzjoni bid-dawl            |
| Espożizzjoni għad-dawl laser | Jum 5              | Diffużur qasir ( $\leq 2.5$ ċm) tal-fibra ottika (50 J/ċm) | Trattament biss taż-żoni maqbuża |

<sup>a</sup> Għoqod diskreti jingħataw doża ta' dawl ta' 50 J/ċm (jintuża diffużur qasir) fil-bidu qabel l-użu bid-dawl permezz tal-bużżieqa u l-apparat regolari.

Il-pazjenti jistgħu jingħataw it-tieni kors ta' PDT mill-anqas 90 jum wara l-ewwel terapija. Huma jistgħu jingħataw sa tlett korsijiet ta' terapija fotodinamika (kull injezzjoni tingħata mill-anqas 90 jum wara ta' qabel) fuq l-istess parti li tkun ġiet trattata qabel li tkun għadha turi HGD, kif ukoll meta l-parti ta' Barrett tkun oriġinalment >7 cm fit-tul. Kemm partijiet li jkun fadal jew partijiet oħrajn, jistgħu jiġu ittrattati fl-istess sessjoni (jiet) tat-trattament bid-dawl, jekk it-tul totali tal-partijiet ittrattati bil-kombinazzjoni ta' bużżieqa u diffużur, ma jkunx akbar minn 7 cm. F' każ li parti mill-esofagu tkun diġà ġiet trattata u ma tkunx tfiqet, u/jew ir-riżultat istoloġiku ta' biopsiji ma' jkunx ċar, jista' jkun hemm differiment ta' xahar jew xahrejn fil-kors ta' terapija fotodinamika li jkun imiss.

Attenzjoni speċjali sabiex jiġi żgurat dożi tajba ta' PhotoBarr u/jew dawl, hija kruċjali imbilli dożi ħżiena fil-prodott mediċinali jew f'espożizzjoni għad-dawl, jistgħu jikkaġunaw trattament anqas effettiv jew ħsara lil pazjent. It-terapija fotodinamika b'PhotoBarr għandha tingħata minn tobbha mħarrġa fl-użu endoskopiku waqt it-terapija fotodinamika. Barra minn hekk it-trattament għandu jingħata f'postijiet fejn huma mgħammra tajjeb għal din l-proċedura.

#### Popolazzjonijiet speċifiċi

##### *Pazjenti pedjatriċi*

PhotoBarr mhux irrakomandat għall-użu fit-tfal jew l-adoloxxenti taħt it-18-il sena peress li m'hemmx biżżejjed informazzjoni dwar is-sigurtà u l-effikaċja

##### *Pazjenti anzjani ( $\geq 65$ sena)*

Mhux meħtieġ li d-doża tiġi aġġustata minħabba l-età.

##### *Indeboliment fil-kliewi*

L-influwenza ta' indeboliment fil-kliewi minħabba l-espożizzjoni għal porfimer sodium ma ġietx evalwata (ara sezzjoni 4.3).

##### *Indeboliment fil-fwied*

L-influwenza ta' indeboliment fil-fwied minħabba l-espożizzjoni għal porfimer sodium ma ġietx evalwata (ara sezzjonijiet 4.3 u 4.4)

### **4.3 Kontraindikazzjonijiet**

Sensittività eċċessiva għas-sustanza attiva jew għal porfirini oħra jew għal xi sustanzi mhux attivi.

Porfirja

Indeboliment qawwi fil-fwied u/jew kliewi.

Variċi fl-esofagu jew fl-istonku jew ulċeri fl-esofagu b' dijametru > 1 cm.

Fistula fit-trakea-esofagali jew bronko-esofagali.

Ħjiel ta' tgħawwir fil-vażi tad-demmm maġġuri minħabba riskju ta' emorraġija serja li tista' tkun fatali.

### **4.4 Twissijiet speċjali u prekawzjonijiet għall-użu**

L-effikaċja u fuq kollox is-sigurtà ta' meta tingħata terapija fotodinamika b'PhotoBarr, ma ġewx mistħarrġa f'pazjenti li huma kontraindikati jew mhux eliġibli għal esofagotomija. It-terapija fotodinamika b'PhotoBarr ġiet mistħarrġa biss f'pazjenti li ma' kellhomx mard serju, bħal insuffiċjenza kardijaka konġestiva fi stadju avvanzat, jew mard serju fil-pulmun li jista' jinibixxi l-pazjent minn intervent kirurġiku.

Terapija fotodinamika b'PhotoBarr ġiet ippruvata waqt provi kliniċi fuq pazjenti mhux konxji mit-trattament ta' asportazzjoni mukuża. Ma ġewx mistħarrġa s-sigurtà u l-effikaċja f'pazjenti li ma mnexxewlhomx trattamenti lokali oħrajn ta' asportazzjoni mukuża.

### *Anzjani*

Pazjenti li għandhom iktar minn minn 75 sena jista' jkollhom riskju akbar minħabba effetti avversi fis-sistema respiratorja, bħal effużjoni plewrali u qtugħ ta' nifs.

### *Disturbi pulmonari jew kardijaċi*

Pazjenti li għandhom mard mediku fil-pulmun jew fil-qalb, jew storja medika ta' din ix-xorta, għandhom jiġu ttrattati b' kawtela. Dawn il-pazjenti jistgħu jkunu f'riskju ogħla li jiżviluppaw problemi fil-qalb jew fil-fwied, bħal mard li jaffettwa t-taħbit tal-qalb, angina pectoris, qtugħ ta' nifs, sogħla, effużjoni plewrali, atelektazi, kif ukoll każijiet ta' deidratazzjoni (ara ukoll sezzjoni 4.8).

### *Fotosensittività*

Il-pazjenti kollha li jieħdu PhotoBarr jsiru sensittivi ħafna għad-dawl. Għalhekk għandhom jieħdu prekawzjonijiet kontra l-espożizzjoni tal-ġilda u l-għajnejn mid-dawl dirett tax-xemx jew dawl minn lampi qawwi (lampi li jintużaw biex jeżaminaw, inklużi lampi tad-dentist, lampi tal-kamra tal-interventi kirurġiċi, bozoz mikxufa mill-viċin, dawl neon, eċċ.). Dawn il-prekawzjonijiet għandhom jiġu osservati sa mill-anqas 90 jum wara t-trattament, għax hemm pazjenti li jibqgħu sensittivi ħafna għad-dawl sa anke 90 jum jew aktar. Tul dan il-perijodu, il-pazjenti għandhom jilbsu nuċċali tax-xemx skur, li bħala medja jittrażmetti dawl abjad <4% meta jkunu barra. Din is-sensittività eċċessiva għad-dawl hija minħabba sustanzi fotoattivi li jibqgħu preżenti fil-ġilda kollha. Madankollu, l-espożizzjoni tal-ġilda għal dawl ambjentali għewwa d-dar, hija ta' ġid, għax b'hekk id-droga żejda tiġi nnewtralizzata bid-dawl. Għalhekk, il-pazjenti m'għandhomx joqgħodu fi kmamar mudlama f'dan iż-żmien, u għandhom jiġu mħajjra jesponu l-ġilda għad-dawl ambjentali ta' għewwa. Ir-reazzjoni tal-ġilda għad-dawl tvarja skondil-parti tal-ġisem, u tiddependi fuq kemm il-ġilda tkun ġiet esposta għad-dawl qabel. Qabel tinkixef parti mill-ġilda fid-dawl dirett tax-xemx jew dawl qawwi ieħor, il-pazjent għandu l-ewwel jiċċekkja li m'għadhux sensittiv għad-dawl b'mod eċċessiv. Parti żgħira mill-ġilda għandha tkun esposta għad-dawl tax-xemx għal 10 minuti. It-tessut ta' madwar l-għajnejn jista' jkun aktar sensittiv, u għalhekk mhux rakkomandat li jintuża l-wieċ biex tiċċekkja għas-sensittività. Jekk ma tiżviluppax sensittività eċċessiva (eritema, edema, jew nfaft) fi żmien 24 siegħa, il-pazjent jista' bil-mod jerġa' joħroġ barra regolari. Fil-bidu, dan isir b' kawtela u l-espożizzjoni tiżdied gradwalment. Il-pazjent għandu jibqa' jieħu l-prekawzjonijiet meħtieġa u jerġa' jiċċekkja l-ġilda ġimagħtejn wara jekk ikun hemm sensittività eċċessiva għad-dawl meta l-pazjent jiċċekkja fuq parti żgħira tal-ġilda. Il-pazjent għandu jerġa' jirrepeti dan it-test kemm-il darba jmur f' post aktar xemxi. Dlik konvenzjonali ta' kontra r-raġġi UV (ultraviolet) ma jipproteġix kontra reazzjonijiet kkaġunati minħabba sensittività eċċessiva għad-dawl. Dan għaliex l-attivazzjoni ssir permezz ta' dawl viżibbli.

### *Indeboliment epatiku*

Ebda tagħrif farmakokinetiku u dwar is-sigurtà f'pazjenti b'indeboliment epatiku mhu disponibbli. Skond evidenza għal eliminazzjoni epatika/jew mill-marrara primarja ta' sustanzi fotoattivi, is-severità ta' reazzjonijiet fototossiċi u t-tul ta' żmien ta' fotosensittività f'pazjenti b'xi grad ta' indeboliment epatiku jista' jiżdied. PhotoBarr huwa kontraindikati f'pazjenti b'indeboliment epatiku sever. Pazjenti b'indeboliment epatiku minn ħafif sa sever għandhom jiġu mogħtija struzzjonijiet ċari li l-perijodu meħtieġ għal miżuri prekawzjonarji deskritti hawn isfel jistgħu jdumu gal aktar minn 90 jum.

### *Sensittività okulari*

Il-pazjenti għandhom jingħataw parir sabiex jikkonsultaw mal-oftalmologu tagħhom jekk jindunaw b'xi tibdil fil-vista wara li jkunu ġew ittrattati bit-terapija fotodinamika ta' PhotoBarr.

### *Sensittività eċċessiva*

Ġew irrappurtati reazzjonijiet ta' sensittività eċċessiva akuta nklużi anafilasi. F'każ ta' reazzjoni allerġika, għandhom jittieħdu miżuri adegwati (standard ta' kura) u l-kura PDT m'għandhiex tkun ripetuta. Il-prodott mediċinali għandu jingħata biss meta l-materjal u l-ħaddiema li għandhom esperjenza fl-evalwar u l-kura tal-anafilasi, jkunu disponibbli minnufih.

### *Ugħ fis-Sider li Mhux Kardijaku*

Wara terapija fotodinamika, il-pazjenti jistgħu jkollhom ilmenti ta' ugħ fis-sider, taħt l-isternum. Dan minħabba infjammazzjoni li tiżviluppa fil-parti ttrattata. Dan l-ugħ jista' jkun tant qawwi li jiġġustifika l-ħruġ ta' riċetta għal żmien qasir, għal analġeżiċi narkotiċi sabiex l-ugħ jitaġġa'.

### *Stenożi Esofagali*

L-użu ta' kortikosteroidi bħala prevenzjoni biex inaqqsu it-tidjiq, għandu jiġi evitat waqt terapija fotodinamika. Dan għaliex ġie ppruvat li ma jaħdmux, u jistgħu jaggravaw is-sitwazzjoni.

### *Nutrizzjoni tal-Pazjenti*

It-terapija fotodinamika b'PhotoBarr regolarment tikkaġuna disfaġja, odinofaġja, dardir, u rimettar. Għalhekk, il-pazjenti għandhom ikunu mwissija biex jieħdu ikel likwidu fl-ewwel jiem (sa 4 ġimgħat) wara t-trattament bid-dawl laser. Jekk il-pazjenti ma jkunux jistgħu jżommu l-ikel jew/u x-xorb, minħabba rimettar bla waqfien, huma għandhom imorru l-klinika biex jiġu eżaminati u jekk meħtieġ jingħataw likwidi ġol-vina.

### *Użu Qabel jew Wara r-Radjoterapija*

Jekk terapija fotodinamika tkun ser tingħata qabel jew wara radjoterapija, għandu jgħaddi żmien biżżejjed bejn iż-żewġ trattamenti biex jiġi żgurat li l-infjammazzjoni kkaġunata mill-ewwel trattament tkun marret, qabel jinbeda t-tieni wieħed.

### *Trombo-emboliżmu*

Jista' jkun hemm żieda fir-riskju ta' avvenimenti trombo-emboliċi aktar u aktar f'pazjenti b'immobilizzazzjoni għal tul taż-żmien, fatturi ta' riskju ta' wara operazzjoni serja u fatturi oħra ta' riskju trombo-emboliċi.

### *Proċedura ta' wara*

Attwalment, m'hemmx tagħrif fuq l-effetti fit-tul ta' PhotoBarr (il fuq minn sentejn). Importanti wkoll li t-tobba li jagħtu dan it-trattament ikunu konxji dwar il-possibbiltà ta' żvilupp żejje ta' qxur, kif ukoll ir-riskju li ma jarawx sintomi ta' kanċer. Għalhekk, għandha titkompla s-sorveljanza xierqa u b'reqqa, anke jekk l-eżami endoskopu juri li hemm fejqan parzjali jew sħiħ tat-tessut mukuż squamous. Fl-istudji kliniċi b'Photobarr, sorveljanza fuq il-pazjenti kienet ssir kull tlett xhur, jew kull sitt xhur wara li jkunu ttieħdu r-riżultati tal-biopsija għal erba' darbiet u ntwera' u ma hemmx sinjali ta' displasja qawwija aktar (ara sezzjoni 5.1). Għandhom jiġu kkunsidrati l-linji gwida disponibbli dwar trattament u sorveljanza.

## **4.5 Prodotti mediċinali oħra li ma jaffettwaw ma' dan il-prodott u affarġiet oħra li jistgħu jibdlu l-effett farmaċewtiku tal-prodott**

Ma kien hemm l-ebda studju formali dwar kif prodotti mediċinali – prodott mediċinali ieħor u PhotoBarr jaffettwaw il-kwalitajiet farmakokinetiċi ta' xulxin.

Stħarriġ farmakodinamiku wera li meta jingħataw kortikosteroidi qabel jew ma' terapija fotodinamika, bi skop biex inaqqsu t-tidjiq, is-sigurtà tat-trattament tista' titbaxxa.

Hemm possibbiltà li l-użu ta' PhotoBarr flimkien ma' sustanzi li jikkaġunaw sensitività eċċessiva għad-dawl (eż: tetracyclines, sulphonamides, phenothiazines, sustanzi ipogliċemiċi tat-tip sulphonylurea, diuretici thiazide, griseofulvin u fluoroquinolones) jistgħu jżidu aktar din is-sensittività eċċessiva għad-dawl.

Terapija fotodinamika, PhotoBarr, tagħmel ħsara fiċ-ċelluli billi tibda reazzjonijiet katina b'radikali ħielsa li jattakkaw il-membrani intraċellulari u l-mitokondrija. Ikun hemm ukoll ħsara fit-tessut minħabba iskemja sekondarja li tiġi wara tagħfis fl-arterji, attivazzjoni ta' plejtlets, aggregazzjoni u emboli. Sħarriġ fuq annimali u fuq kolonji ta' ċelluli, wera li hemm ħafna sustanzi attivi li jinfluenzaw l-effetti ta' terapija fotodinamika. Eżempji possibbli ta' sustanzi bħal dawn huma spjegati fil-paragrafu li jmiss. M'hemmx stħarriġ fuq l-bniedem li jipprova jew immur kontra dawn l-possibiltajiet. Komposti lublieba għal speċijiet attivi ta' ossiġnu jew li jirreaġixxu b'mod preferenzjali mar-radikali jkun mistenni li jnaqqsu l-attività ta' terapija fotodinamika. Eżempji ta' sustanzi bħal dawn huma dimethyl sulphoxide, b-carotene, ethanol, formate u mannitol. Informazzjoni ta' qabel l-użu kliniku tissuġerixxi li iskemja fit-tessut, allopurinol, imblokkaturi tal-kanali tal-kalċju u inibituri tal-produzzjoni ta' prostaglandins, jistgħu jinterferixxu ma' terapija fotodinamika ta' PhotoBarr.

Prodotti mediċinali jnaqqsu t-tgħaqquid tad-demm, it-tagħfis ta' vażi jew l-aggregazzjoni ta' plejtlets eż. inibituri ta' thromboxane A<sub>2</sub>, jistgħu jnaqqsu l-effikaċja ta' terapija fotodinamika.

#### **4.6 Fertilità, Tqala u Treddigħ**

##### Tqala

M'hemmx tagħrif kliniku tal-effett ta' porfimer tas-sodju fuq it-tqala. L-istħarriġ fuq l-annimali dwar t-tqala, l-iżvilupp tal-fetu, il-proċess tat-twelid, u l-iżvilupp ta' wara, m'huwiex biżżejjed (ara sezzjoni 5.3). Ir-riskju li jista' jkun hemm meta jintuża fil-bniedem mhux magħruf. Porfimer tas-sodju m'għandux jintuża waqt it-tqala sakemm ma jkunx hemm triq oħra. Nisa li jistgħu jinqabdu tqal għandhom jużaw mezzi ta' kontraċezzjoni qabel, waqt u sa 90 jum wara t-trattament.

##### Treddigħ

Mhux magħruf jekk fil-bniedem, porfimer sodium jiġix eliminat fil-ħalib tas-sider jew le. Fil-firien li jreddgħu nstab li porfimer sodium jgħaddi għal-ħalib tas-sider. Għaldaqstant, il-ħalib tas-sider għandu jitwaqqaf qabel it-trattament.

#### **4.7 Effetti fuq il-ħila biex issuq u tħaddem magni**

Ma sarux studji dwar l-effetti fuq il-ħila biex issuq jew tħaddem magni.

Il-proċedura ta' PDT tista' tirrikjedi l-użu tal-loppju u għalhekk wieħed inid joqgħod attent. Il-pazjenti m'għandhomx issuqu jew iħaddmu magni wara t-trattament bid-dawl jekk ikunu ġew mogħtija l-loppju għall-proċedura.

#### **4.8 Effetti mhux mixtieqa**

##### *a. Sommarju tal-profil tas-sigurtà*

Il-pazjenti kollha li ser jieħdu PhotoBarr ser ikunu sensittivi għad-dawl u għandhom josservaw prekawzjonijiet biex jevitaw id-dawl tax-xemx u d-dwal qawwi ta' ġewwa (ara sezzjoni 4.4). Waqt studju farmakokinetiku, bit-tikketta tidher, kull wieħed minn 24 suġġett kellhom reazzjonijiet minħabba sensittività eċċessiva għad dawl. Dawn kienu kkaratterizzati b'raxx eritematiku, u edema, u kienu jvarjaw fil-gravità minn ħfief għal moderati. Dawn ir-reazzjonijiet attakkaw l-aktar il-wieċ, l-idejn, u partijiet tal-għonq, li huma kollha żoni suxxettibbli għal espożizzjoni aċċidentali għad-dawl tax-xemx. Kien hemm rapportati wkoll effetti fuq il-ġilda li kienu anqas komuni bħal: żieda fir-rata ta' kemm jitwal ix-xagħar, bdil fil-lewn tal-ġilda, għoqod fil-ġilda, kif ukoll tikmix u fraġilità tal-ġilda. Dawn l-effetti setgħu ġew ikkontribwiti minħabba stat ta' pseudoporfirja (porfirja fil-ġilda stimulata minn prodotti mediċinali). Il-frekwenza u n-natura ta' dawn ir-reazzjonijiet minħabba sensittività eċċessiva għad-dawl, ma kienux bħal dawk rapportati fi studji kliniċi oħrajn li saru fuq pazjenti li għandhomkanċer (madwar 20%), jew bħal dawk rapportati waqt l-użu kummerċjali ta' PhotoBarr (< 20%). Jista' jkun li din il-frekwenza għolja kienet dovuta għal espożizzjoni twila għad-dawl fil-klinika tar-riċerka, jew inkella minħabba espożizzjoni aċċidentali għax-xemx meta l-pazjenti tħallew joħorġu. Fattur ieħor li seta kkontribwixxa għal din id-differenza huwa l-mod attiv li jgħixu l-individwi u l-fatt li kienu aktar b'saħħithom u iżgħar mill-pazjenti b'kanċer.

It-trattament permezz ta' terapija fotodinamika b'PhotoBarr flimkien ma' omeprazole (PDT + OM) ġie mqabbel ma' grupp ittrattat b'omeprazole biss (OM biss), waqt provi kliniċi kkontrollati fuq l-esofagu ta' Barrett (BO) flimkien ma' displasja qawwija (HGD). Fil-grupp ta' PDT + OM, ġew ittrattati 133 pazjenti. L-aktar reazzjonijiet avversi rapportati kienu: sensittività eċċessiva għad-dawl (69%), stenożi fl-esofagu (40%), rimettar (32%), uġiġ fis-sider li mhuwiex tal-qalb (20%), deni (20%), disfaġja (19%), stitikezza (13%), deidratazzjoni (12%), u dardir (11%). Fil-biċċa l-kbira, dawn ir-reazzjonijiet kienu minn ħfief sa moderati.

b. Tabella ta' sommarju ta' reazzjonijiet avversi

F'Tabella 5 hemm lista ta' reazzjonijiet avversi li huma klassifikati skond il-frekwenza u organu li effettwat. Il-frekwenzi huma mfissra hekk: komuni ħafna ( $>1/10$ ); komuni ( $>1/100$ ,  $<1/10$ ); mhux komuni ( $>1/1000$ ,  $<1/100$ ); mhux magħrufa (ma jistgħux jiġu stimati mid-dejta disponibbli).

F'kull sezzjoni ta' frekwenza, l-effetti mhux mixtieqa huma mniżżla skond is-serjetà tagħhom bl-aktar serji jitniżżlu l-ewwel

Tabella 5. Sommarju ta' reazzjonijiet mhux mixtieqa b'porfimer sodium

|                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                    |
|------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| <u>Infezzjonijiet u infestazzjonijiet</u><br>Mhux komuni: Bronkite, infezzjonijiet fungali fid-dwiefer, sinusite, infezzjonijiet fil-ġilda<br>Mhux magħrufa: Pnewmonja                                                                                                                                                                                                             |
| <u>Neoplażmi beninni, malinni u dawk mhux speċifikati (inklużi ċesti u polipi)</u><br>Mhux komuni: Kanċer taċ-ċelluli bażali, lentigo                                                                                                                                                                                                                                              |
| <u>Disturbi tad-demem u tas-sistema limfatika</u><br>Mhux komuni: Lewkoċitożi<br>Mhux magħrufa: Anemija                                                                                                                                                                                                                                                                            |
| <u>Disturbi fis-sistema immuni</u><br>Mhux magħrufa: Sensittività eċċessiva                                                                                                                                                                                                                                                                                                        |
| <u>Disturbi fil-metaboliżmu u n-nutrizzjoni</u><br>Komuni ħafna: Deidratazzjoni*<br>Komuni: Tnaqqis fl-aptit, żbilanċ elettrolitiku<br>Mhux komuni: Ipokalmija                                                                                                                                                                                                                     |
| <u>Disturbi psikjatriċi</u><br>Komuni: Ansjetà, nuqqas ta' rqa<br>Mhux komuni: Irrekweitezza                                                                                                                                                                                                                                                                                       |
| <u>Disturbi fis-sistema nervuża</u><br>Komuni: Uġigħ ta' ras, paresteżja, disgewsja<br>Mhux komuni: Sturdament, ipoesteżija, rogħda                                                                                                                                                                                                                                                |
| <u>Disturbi fl-għajnejn</u><br>Mhux komuni: Irritazzjoni fil-għajnejn, edema fl-għajnejn<br>Mhux magħrufa: Kataretti                                                                                                                                                                                                                                                               |
| <u>Disturbi fil-widnejn u sistema labrintika</u><br>Mhux komuni: Truxija, tinnite, tinnite aggravata                                                                                                                                                                                                                                                                               |
| <u>Disturbi fil-qalb</u><br>Komuni: Takikardja, uġigħ fis-sider<br>Mhux komuni: Angina pectoris, fibrillazzjoni atrijali, tħabbit irregolari fl-arterji, skonfort fis-sider                                                                                                                                                                                                        |
| <u>Disturbi vaskulari</u><br>Mhux komuni: Pressjoni għolja, emorraġija, fwawar, pressjoni baxxa, pressjoni baxxa meta tqum bil-wieqfa<br>Mhux magħrufa: Emboliżmu, Trombożi ta' vina fil-fond, Flebite                                                                                                                                                                             |
| <u>Disturbi respiratorji, toraċiċi u medjastinali</u><br>Komuni: Effużjoni plewrali, farinġite, atelektazi, qtugħ ta' nifs<br>Mhux komuni: Tifga, qtugħ ta' nifs meta tagħmel sforz, emoptisi, ipoksja, konġestjoni fl-imnieħer, infjammazzjoni tal-pulmun minħabba aspirazzjoni, sola misjura, dipressjoni respiratorja, konġestjoni fl-apparat tas-sistema respiratorja, tħarħir |

|                                                                       |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                |
|-----------------------------------------------------------------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| <u>Disturbi gastrointestinali</u>                                     |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                |
| <i>Komuni ħafna:</i>                                                  | Stenożi akkwistata tal-esofagu*, rimettar*, disfaġja, stitikezza, dardir*                                                                                                                                                                                                                                                                                      |
| <i>Komuni:</i>                                                        | sulluzzu, odinofagja, dijarea, dispepsja, ulċera fl-esofagu, uġigħ fin naħa ta' fuq tal-addome*, uġigħ fl-addome, ematemesi, uġigħ fl-esofagu, tifwiq, melaena (ematočeznija), disturb fl-esofagu, rigurġitazzjoni tal-ikel, spażmu fl-esofagu, esofagite.                                                                                                     |
| <i>Mhux komuni:</i>                                                   | Purgar maħlul, ulċeri fl-esofagu, uġigħ ħafif fl-addome, distenzzjoni addominali, uġigħ fin-naħa t' isfel tal-addome, stenożi pajlori akkwiżiti, xufftejn maqsuma, kolite, uġigħ ta' gass, gastrite, emorraġija fl-istonku u l-imsaren, halitosis, emorraġija fl-esofagu, esofagite ulċerativa, skumdata addominali, distensjoni addominali, toqob fl-esofagu. |
| <i>Mhux magħrufa:</i>                                                 | Fistula trakeo-esofogali, Nekrożi gastro-intestinali                                                                                                                                                                                                                                                                                                           |
| <u>Disturbi fil-ġilda u fit-tessuti ta' taħt il-ġilda</u>             |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                |
| <i>Komuni ħafna:</i>                                                  | Sensittività eċċessiva għad-dawl                                                                                                                                                                                                                                                                                                                               |
| <i>Komuni:</i>                                                        | Ħakk, raxx, ġilda fraġili, bidliet fil-lewn tal-ġilda, ulċeri tal-ġilda, dermatite, tqaxxir tal-ġilda, ġilda xotta, milia, raxx makulo-papulari, raxx papulari, ċikatriċi, iperpigmentazzjoni tal-ġilda, feriti fil-ġilda, għoqod fil-ġilda, urtikarja                                                                                                         |
| <i>Mhux komuni:</i>                                                   | Għaraq kiesaħ, dermatite, xagħar jikber b' mod mhux normali, tendenza li titbenġel malajr, ċikatriċi kelojd, għaraq bil-lejl, raxx mid-dawl, raxx makulari, raxx bil-qxur, skorċa ta' qxur niexef, uġigħ fil-ċikatriċi, vitiligo.                                                                                                                              |
| <u>Disturbi muskolu-skeltrali u tal-connective tissue</u>             |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                |
| <i>Komuni:</i>                                                        | Uġigħ fid-dahar, uġigħ fir-riġlejn                                                                                                                                                                                                                                                                                                                             |
| <i>Mhux komuni:</i>                                                   | Ġbid fil-ġogi, tnaqqis fil-movimenti tal-ġogi, uġigħ fil-muskoli u għadam tas-sider, plantar faxxite                                                                                                                                                                                                                                                           |
| <u>Disturbi fil-kliewi u tas-sistema urinaria</u>                     |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                |
| <i>Mhux komuni:</i>                                                   | Tiżmim tal-awrina                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                              |
| <u>Disturbi fis-sistema riproduttiva u fis-sider</u>                  |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                |
| <i>Mhux komuni:</i>                                                   | Gynaecomastia                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                  |
| <u>Disturbi konġenitali u ġenetiċi/familjali</u>                      |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                |
| <i>Mhux komuni:</i>                                                   | Naevus ippigmentat                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                             |
| <u>Disturbi ġenerali u kondizzjonijiet ta' minn jingħata</u>          |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                |
| <i>Komuni ħafna:</i>                                                  | Deni                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                           |
| <i>Komuni:</i>                                                        | Rogħda ta' bard, għajja                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                        |
| <i>Mhux komuni:</i>                                                   | Sħanat, eritema fil-post tal-injezzjoni, ħass ħażin, edema periferali, uġigħ, edema bil-ħofor, intolleranza tas-sħana, dgħjufija                                                                                                                                                                                                                               |
| <u>Stħarriġ</u>                                                       |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                |
| <i>Komuni:</i>                                                        | Telf fil-piż, żieda fit-temperatura tal-ġisem                                                                                                                                                                                                                                                                                                                  |
| <i>Mhux komuni:</i>                                                   | Tnaqqis fil-livelli tal-albumina fid-demm, żieda fil-livelli ta' klorur fid-demm, żieda fil-livelli ta' urea fid-demm, tnaqqis fil-livelli tal-ematokrit, tnaqqis fil-livelli tal-emoglobina, tnaqqis fil-livelli tas-saturazzjoni tal-ossiġenu, tnaqqis fil-livelli tal-proteini totali                                                                       |
| <u>Korrimient, avvelenament u komplikazzjonijiet ta' xi proċedura</u> |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                |
| <i>Komuni:</i>                                                        | Uġigħ post-proċedurali, brix                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                   |
| <i>Mhux komuni:</i>                                                   | Nuffat, emorraġija post-proċedurali                                                                                                                                                                                                                                                                                                                            |

\* ara sezzjoni ċ.

ċ.Deskrizzjoni ta' reazzjonijiet mhux mixtieqa magħżula

44 suġġett (23.1%) tal-grupp PhotoBarr PDT + OM kellhom reazzjonijiet avversi serji li ġew assoċjati mat-trattament. Minn dawn, l-aktar komuni kienu deidratazzjoni (4%), li effettwat 5 pazjenti. Fil-biċċa l-kbira, r-reazzjonijiet avversi li kienu serji li effettwaw ħdax il-pazjent, kienu problemi fis-sistema diġestiva (8%), b'mod speċifiku d-dardir (3% - 4 pazjenti), rimettar (3% - 4 pazjenti), u uġigħ fin-naħa ta' fuq tal-addome (2% - 2 pazjenti).

Fil-biċċa l-kbira ta' trattamenti assoċjati ma' stenożi tal-esofagu (li jinkludu tidjiq u kontrazzjonijiet fl-esofagu) li ġew rapportati fil-grupp ta' PhotoBarr PDT + OM, kienu ta' natura ħafifa jew moderata (92%). L-inċidenzi kollha ta' kontrazzjonijiet ġew ikkunsidrati li kienu assoċjati mat-trattament, li minnhom 1% kienu ta' natura serja.

Fl-ewwel kors tat-trattament ġiet osservata rata ta' 12% ta' kontrazzjonijiet fl-esofagu. Din ir-rata żdiedet għal 32% meta nġhata t-tieni kors, speċjalment meta fit-tieni trattament kien hemm żoni li ġew ittrattati fl-ewwel kors. Dawk li ħadu t-tielet trattament kellhom rata ta' 10%. Fil-biċċa l-kbira, l-gravità kienet minn ħafifa sa moderata, u l-problema ġiet milgħuba wara 1-2 trattamenti ta' twessigħ. Tmienja fil-mija kienu serji hu kellhom bżonn madwar (6 - >10) trattamenti ta' twessigħ. Il-formazzjoni ta' stenożi fl-esofagu ma tistax tiġi mnaqqsa jew mraġġna permezz tal-isterojdi.

#### 4.9 Doża eċċessiva

##### *PhotoBarr*

M'hemmx informazzjoni fuq każijiet ta' doża eċċessiva b'PhotoBarr. Dożi ogħla ta' prodott mediċinali minn dawk rakkomandati ta' 2 mg/kg, nġhataw f'intervall ta' jumejn (f'10 pazjenti), u tlett dożi ta' 2 mg/kg, li nġhataw f'intervall ta' ġimagħtejn (f'pazjent wieħed), kienu tollerati mingħajr reazzjonijiet avversi. L-effetti ta' doża eċċessiva fuq is-sensittività eċċessiva għad-dawl m'humiex magħrufa. F'każ ta' doża eċċessiva b'PhotoBarr, m'għandux ikun hemm trattament bil-laser. Pazjenti li jkun ħadu doża eċċessiva għandhom iħarsu għajnejhom u l-ġilda minn dawl dirett tax-xemx, jew lampi qawwiya ta' ġewwa għal 90 jum. F'dan il-perijodu l-pazjenti għandhom jiċċekjaw għal sensittività eċċessiva għad-dawl residwa (ara sezzjoni 4.4). PhotoBarr ma jitneħhiex b'dijalisi.

##### *Dawl laser*

Dożi ta' dawl minn darbtejn sa tlett darbiet aktar minn dawk rakkomandati nġhataw lil ftit pazjenti b'tumuri superfiċjali fil-bronki. Pazjent wieħed sofra qtugħ ta' nifs letali, filwaqt li l-bqija ma kellhomx komplikazzjonijiet. Huwa mistenni li jkun hemm żieda fis-sintomi u ħsara lit-tessut normali meta jkun hemm espożizzjoni eċċessiva għad-dawl.

### 5. TAGĦRIF FARMAKOLOĠIKU

#### 5.1 Tagħrif farmakodinamiku

Kategorija farmakoterapewtika: Sensittizzaturi użati gal terapija fotodinamika/radjazzjoni Kodiċi ATC: L01X D01

##### Mekkaniżmu t'azzjoni

Porfimer sodium hija talita ta' unitajiet ta' porphyrin, li huma matbutin flimkien fi ktajjen ta' bejn żewġ u tmien unitajiet. L-azzjoni ċitotossika ta' porfimer sodium tiddependi fuq dawl u ossiġnu. Terapija fotodinamika b'PhotoBarr tikkonsisti f'żewġ stadji. L-ewwel proċess jinvolvi injezzjoni ġol-vina b'PhotoBarr. Ir-rata ta' eliminazzjoni ta' PhotoBarr minn tessuti diversi tieħu 'l fuq minn 40-72 sigħat, iżda tumuri, ġilda, u l-organi tas-sistema retikulo-endoteljali (li jinkludu l-fwied u l-milsa) iżżommu porfimer sodium għal perjodu itwal. It-tieni parti tat-terapija tinvolvi l-espożizzjoni għad-dawl laser b'630 nm wavelength, fuq il-parti li jkollha bżonn it-trattament. Is-selettività tat-trattament għat-tumur jew għat-tessut displastiku, tista' parzjalment tiġi minħabba li dan it-tip ta' tessut iżomm aktar porfimer sodium, iżda l-aktar minħabba l-mod ta' kif jiġi mwassal id-dawl. Il-ħsara li tiġi liċ-ċelluli minħabba t-terapija fotodinamika PhotoBarr hija konsegwenza tar-reazzjonijiet li jinvolvu radikali liberi. Ir-reazzjonijiet tar-radikali liberi jinbdeu wara li porfimer sodium jassorbi d-dawl u b'hekk porphyrin jifforma stat ta' enerġija ogħla. It-trasferiment tal-għażil minn porfimer sodium għal molekuli tal-ossiġnu jipproduċu ossiġnu fi stat waħdani. Sussegwentement reazzjonijiet tar-radikali jipproduċu superoxide u hydroxyl. It-tumur imut ukoll minħabba nekrożi iskemika li tiġi wara li jinstaddu l-vażi. Dan hu maħsub li jiġi parzjalment permezz ta' thromboxane A<sub>2</sub> li jkun disponibbli.

It-trattament bil-laser jikkaġuna effett fotokemikali mhux termali. Ir-reazzjoni nekrotika u l-infjammazzjoni assoċjata ma' kif il-ġisem jirreaġixxi, jiżviluppaw fuq medda ta' diversi jiem.

#### Effikaċja klinika

Fi prova klinika kkontrollata, grupp ta' pazjenti li kienu fuq PhotoBarr PDT + OM (n=183) ġew mqabbla ma' grupp ta' pazjenti li kienu ngħataw OM biss (n=70). Il-pazjenti li kienu eliġibbli f'dan l-istudju kellhom HGD fl-esofagu ta' Barrett (BO) li ġie kkonfermat b'biopsija. Pazjenti li nstablihom kanċer invażiv fl-esofagu ġew esklużi jekk kellhom storja medika ta' kanċer minbarra kanċer tal-ġilda li mhuwiex melanoma, jew jekk ma ħadux trattament qabel ta' PDT fl-esofagu. Raġunijiet oħrajn biex pazjenti ġew esklużi kienu kontraindikazzjoni għal użu ta' terapija b'omeprazole.

Pazjenti magħżula b'mod każwali għat-trattament bit-terapija fotodinamika ngħataw PhotoBarr f'doża ta' 2 mg/kg ta' piż tal-ġisem permezz ta' injezzjoni ġol-vina. L-injezzjoni ngħatat fuq bejn 3 sa 5 minuti. Wara l-injezzjoni ta' PhotoBarr, il-pazjenti ngħataw trattament jew tnejn bid-dawl laser. L-ewwel sessjoni bid-dawl laser saret 40-50 siegħa wara l-injezzjoni u tieni sessjoni, jekk dan ġie indikat saret wara 96-120 siegħa. L-għoti flimkien ma' omeprazole (20 mg BID) beda tal-anqas jumejn qabel l-injezzjoni ta' PhotoBarr. Pazjenti li ġew magħżula b'mod *randomised* fil-grupp OM, ngħataw mill-ħalq 20 mg omeprazole BID, matul dan l-istudju.

Il-pazjenti ġew sorveljati kull 3 xhur sakemm ir-riżultati tal-bijopsija u l-endoskopija wrew għal erba' darbiet wara xulxin li ma' kienx hemm HGD u mbagħad darbtejn f'sena sakemm l-aar pazjent arwolat kien lesta minimu ta' 24 xahar ta' evalwazzjonijiet wara randomizzazzjoni.

PhotoBarr PDT + OM kien effettiv biex innhehhi HGD f' pazjenti b' esofagu ta' Barrett. L-analiżi finali saret mill-anqas wara sorveljanza ta' 24 xhur. Il-perċentwal ta' pazjenti li tfejqu għal kollox minn HGD kien statistikament sinifikanti (77%) fil-grupp ta' PhotoBarr PDT + OM, meta mqabbel ma' riżultat miksub ta' 39% mill-grupp ta' OM biss ( $p < 0.0001$ ). 52% tal-pazjenti fil-grupp PDT + OM, urew li kellhom iċ-ċelluli tal-epitelju normali, filwaqt li 59% ma kellhomx displasja, meta mqabbla ma' 7% u 14% fil-grupp ta' OM biss ( $p < 0.0001$ ). Dawn ir-riżultati jikkonfermaw oħrajn li wara mill-anqas sorveljanza ta' 6 xhur kien hemm fejqan minn HGD f' 72% tal-pazjenti li kienu fil-grupp PhotoBarr PDT + OM, meta mqabbla ma' 31% fil-grupp OM biss. Wieħed u erbgħin fil mija tal-pazjenti urew li kellhom ċelluli tal-epitelju *squamous* anormali, filwaqt li 49% ma kellhomx displasja.

Wara mill-anqas sentejn sorveljanza, 13% tal-grupp PhotoBarr PDT + OM, żviluppaw kanċer, meta mqabbla ma' 28% fil grupp li użaw OM biss fil-popolazzjoni ITT (intent to treat). Il-proporzjon ta' pazjenti li żviluppaw kanċer fil-grupp PhotoBarr PDT + OM kien statistikament aktar baxx mill-grupp li użaw OM biss ( $p = 0.0060$ ). Il-kurva ta' sopravivenza tindika li matul l-istudju kollhu, pazjenti li kienu fil-grupp PDT + OM kellhom 83% ċans li ma jiżviluppawx kanċer, meta mqabbla ma' 53% ċans fil-każ ta' pazjenti tal-grupp OM biss. Meta il-kurvi tas-sopravivenza taż-żewġ trattamenti jiġu mqabbla permezz ta' test log rank, wieħed issib li hemm differenza li hija statistikament sinifikanti bejn iż-żewġ kurvi taż-żewġ gruppi tal-popolazzjoni ITT ( $p = 0.0014$ ). Din tindika dewmien sinifikanti fl-iżvilupp tal-kanċer.

## **5.2 Tagħrif farmakokinetiku**

Studju farmakokinetiku sar fuq 12-il pazjent li kellhom kanċer fil-bronki u 23 individwu b'saħħtu (11-il rael u 12-il mara) li ngħataw 2 mg/kg portimer sodium b'injezzjoni ġol-vina bil-mod. Kampjuni tal-plażma ttieħdu sa 56 jum (pazjenti) jew 36 jum (voluntieri) wara l-injezzjoni.

Fil-pazjenti, il-medja tal-ogħla konċentrazzjoni fil-plażma ( $C_{max}$ ) kienet ta' 79.6 µg/ml (C.V. 61%, medda ta' 39-222), filwaqt li tal-voluntieri  $C_{max}$  kien ta' 40 µg/ml u  $AUC_{inf}$  kien ta' 2400 µg/ml.

#### Distribuzzjoni

Madwar 90% ta' porfimer sodium jeħel *in vitro* ma' proteini tas-serum fil-ġisem tal-bniedem, b'mod indipendenti mill-konċentrazzjoni ta' bejn 20 u 100 µg/ml.

### *Eliminazzjoni*

Porfimer sodium jitneħħa bil-mod mill-ġisem b'rata medja  $CL_T$  ta' 0.859 ml/h/kg (CV 53%) f'pazjenti. Li-taħsir fis-serum kien bi-esponenzjali, b'fażi ta' distribuzzjoni u fażi twila ħafna u fażi ta' eliminazzjoni twila ħafna li tkun bdiet madwar 24 siegħa wara l-injezzjoni. Il-half-life ta' eliminazzjoni medja ( $t_{1/2}$ ) kienet ta' 21.5 ijiem (CV 26 %, medda 264-672) f'pazjenti u 17-il jum wara f'voluntieri.

### *Popolazzjonijiet speċifiċi*

L-influenza tal-indeboliment tal-kliewi u tal-fwied fuq l-espożizzjoni ta' porfimer sodium ma ġiex mistħarreġ (ara sezzjonijiet 4.2, 4.3 u 4.4).

Il-ġeneru ma kellux effett fuq il-fatturi farmakokinetiċi, minbarra  $t_{max}$ , li kellha valur ta' 1.5 sigħat fin-nisa u 0.17 sigħat fl-irġiel. Fil-ħin mistenni biex ikun hemm trattament bid-dawl, 40-50 sigħat wara l-injezzjoni, il-profilu farmakokinetiċi ta' PhotoBarr fin-nisa u l-irġiel kienu bħal xulxin.

## **5.3 Tagħrif ta' qabel l-użu kliniku dwar is-sigurtà tal-mediċina**

Porfimer sodium ma kienx mutaġeniku f'testijiet ġenotossiċi standard fl-assenza tad-dawl. B'attivazzjoni bid-dawl, porfimer sodium wera li huwa mutaġeniku f'ċerti testijiet tal-laboratorju *in vitro*.

Studji tossikoloġiċi fuq is-sistema riproduttiva ma kienux biżżejjed biex jassiguraw is-sikurezza ta' porfimer sodium waqt it-tqala. Dan għax ma ntużax l-attivazzjoni bid-dawl. F' dawn l-istudji intwera li kien hemm tossiċità fuq il-fetu tal-firien u fniek, iżda mhux teratoġeniċità. Dan sar meta l-annimali ngħataw dożi elevati intravenużi (akbar jew daqs 4 mg/kg) u bi frekwenza akbar (kuljum) meta mqabbla mal-użu fil-klinika.

Studji ta' qabel l-użu kliniku jindikaw li l-eliminazzjoni prinċipali ta' porfimer sodium issir prinċipalment fl-ippurgar.

## **6. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU**

### **6.1 Lista ta' sustanzi mhux attivi**

Aċidu idrokloriku (għal aġġustament tal-pH)  
Idrossidu tas-sodju (għal aġġustament tal-pH)

### **6.2 Inkompatibilitajiet**

Dan il-prodott mediċinali m'għandux jitħallat ma' prodotti mediċinali oħrajn, ħlief dawk imsemmija f' sezzjoni 6.6.

### **6.3 Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali**

*Trab:* 3 snin

*Wara li jiġi rikostitwit:* użu minnufih (fi żmien 3 sigħat).

Wara li jkun ġie rikostitwit, PhotoBarr għandu jintuża mal-ewwel (fi żmien 3 sigħat) . Huwa għandu jiġi mħares mid-dawl. Stabbilità kimika u fiżika tal-prodott għall-użu ġiet murija għal 3 sigħat f' temperatura ta' 23°C. Minn aspett mikrobijoloġiku, il-prodott għandu jintuża minnufih. Jekk ma' jintużax minnufih, il-ħażna tiegħu għall-użu u kundizzjonijiet qabel l-użu huma r-responsabbiltà tal-utent.

#### 6.4 Prekawzjonijiet speċjali għall-ħażna

Żomm fejn ma jintlaħaqx u ma jidhirx mit-tfal.

M'għandekx tuża wara d-data ta' skadenza li tidher fuq il-kartuna u l-kunnett wara JIS.

Taħżinx f'temperatura 'l fuq minn 25°C.

Żomm il-kunnett fil-kartuna ta' barra sabiex tilqa' mid-dawl.

Għal kundizzjonijiet ta' ħażna tal-prodott mediċinali rikostitwit, ara sezzjoni 6.3

#### 6.5 In-natura tal-kontenitur u ta' dak li hemm ġo fih

15 mg trab f'kunnett (ħġieġ tip I, jesa' 7 ml) b'tapp griż tal-butyl.

Daqs tal-pakk: kunnett 1.

#### 6.6 Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu meta jintrema u għal immaniġġar ieħor

*Struzzjonijiet dwar ir-rikostituzzjoni*

Il-kunnett ta' 15 mg ta' PhotoBarr għandu jiġi rikostitwit b'6.6 ml ta' 5% glucose ta' infużjoni intravenuża, għal konċentrazzjoni finali ta' 2.5 mg/ml ta' porfimer sodium għal soluzzjoni għall-injezzjoni.

Tużax dilwenti oħrajn. M'għandekx tħallat PhotoBarr ma' mediċini oħrajn fl-istess soluzzjoni.

Għandhom jitlestew biżżejjed fjali ta' PhotoBarr sabiex jipprovdu l-pazjent b'doża ta' 2 mg/kg bil-kalkulazzjoni ta' hawn isfel. Għal biċċa l-kbira tal-pazjenti (sa 75 kg) żewġ kunjetti ta' PhotoBarr 75 mg huma biżżejjed. Kull kunnett ta' 15 mg PhotoBarr ikun meħtieġ għal kull 7.5 kg addizzjonali ta' piż tal-ġisem.

*Titjir u rimi*

Kull titjir ta' PhotoBarr għandu jintmesaħ b'biċċa niedja. Kull kuntatt mal-ġilda u l-għajnejn għandu jiġi evitat minħabba l-potenzjal ta' reazzjonijiet fotosensittivi mal-espożizzjoni għad-dawl; l-użu ta' ingwanti u ta' protezzjoni tal-għajnejn huwa rakkomandat.

PhotoBarr huwa għal użu ta' darba biss u kull soluzzjoni mhux użata għandha tintrema.

Kull fdal tal-prodott li ma jiġix użat jew skart li jibqa wara l-użu tal-prodott għandu jintrema kif jitolbu l-liġijiet lokali.

*Espożizzjoni aċċidentali*

PhotoBarr la huwa irritant okulari primarju u lanqas irritant dermali. Madankollu, minħabba l-probabilità li tiġi indotta fotosensittività, PhotoBarr jista' jkun irritant tal-għajnejn u/jew tal-ġilda fil-preżenza ta' dawl luminuż. Huwa importanti li tevita l-kuntatt mal-għajnejn u mal-ġilda waqt il-preparazzjoni u/jew l-għoti. Bħal fil-każ ta' doża terapewtika, kull persuna li aċċidentalment ħa doża eċċessiva għandu jiġi protett mid-dawl luminuż.

### 7. ID-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Pinnacle Biologics B.V.  
p/a Trust Company Amsterdam B.V.  
Crystal Tower 21st Floor,  
Orlyplein 10, 1043 DP Amsterdam  
l-Olanda

### 8. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

**9. DATA TAL-EWWEL AWTORIZZAZZJONI /TIĠDID TAL-AWTORIZZAZZJONI**

Data tal-ewwel awtorizzazzjoni: 25 ta' Marzu 2004

Data tal-aħħar reviżjoni: 4 ta' Marzu 2009

**10. DATA TA' META ĠIET RIVEDUTA L-KITBA**

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott tinsab fuq is-sit elettroniku ta' l-Aġenzija Ewropeja dwar il-Mediċini <http://www.ema.europa.eu>

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzati

## 1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI

PhotoBarr 75 mg trab għal soluzzjoni għall-injezzjoni.

## 2. GĦAMLA KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

Kull kunjett fih 75 mg porfimer sodium. Wara r-rikostituzzjoni, kull ml ta' soluzzjoni fiha 2.5 mg ta' porfimer sodium.

Għal-lista kompleta ta' sustanzi mhux attivi, ara sezzjoni 6.1.

## 3. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA

Trab għal soluzzjoni għall-injezzjoni.

Trab (jew kejk) ta' kulur ħamrani skur għal kannella fl-aħmar.

## 4. TAGĦRIF KLINIKU

### 4.1 Indikazzjonijiet terapewtiċi

Terapija fotodinamika (PDT) permezz ta' PhotoBarr hija mteja għal asportazzjoni ta' displasja qawwija (HGD) f'pazjenti li għandhom Esofagu ta' Barrett (BQ).

### 4.2 Pożoloġija u metodu ta' kif għandu jingħata

Terapija fotodinamika permezz ta' PhotoBarr trid issir biss minn tabib b'esperjenza fl-użu tal-proċeduri tal-laser endoskopiku, jew inkella taħt is-sorveljanza tiegħu. Il-prodott mediċinali għandu jingħata biss meta l-materjal u l-ħaddiema li għandhom esperjenza fl-evalwar u l-kura tal-anafilasi, jkunu disponibbli minnufih.

#### Pożoloġija

Id-doża rakkomandata ta' PhotoBarr hi ta' 2 mg/kg piż tal-ġisem

Soluzzjoni ta' PhotoBarr rikostitwita (ml) =  $\frac{\text{Piż tal-ġisem tal-pazjent (kg)} \times 2 \text{ mg/kg}}{2.5 \text{ mg/ml}}$  = 0.8 x piż tal-ġisem

Wara r-rikostituzzjoni, PhotoBarr hu soluzzjoni opaka ta' lewn ħamrani skur għal kannella fl-aħmar.

Soluzzjoni mingħajr frak u mingħajr sinjali ta' deterjorament biss għandha tintuża.

It-terapija fotodinamika permezz ta' PhotoBarr hija maqsuma f'żewġ stadji, u tirrikjedi li jingħata kemm prodott mediċinali kif ukoll dawl. Kors wieħed ta' PDT jikkonsisti minn injezzjoni waħda u applikazzjoni waħda jew tnejn tad-dawl.

Fil-każ li l-HGD jibqa' jippersisti, jistgħu jingħataw aktar korsijiet (sa massimu ta' tliet korsijiet) ta' trattament (li bejniethom irid ikun hemm tal-anqas 90 jum bejniethom) sabiex ir-rata ta' rispons tkun ogħla. Dan irid jiġi bilanċjat mar-rata ogħla ta' kontrazzjoni. (ara sezzjonijiet 4.8 u 5.1)

Il-progress għal kanċer kien relatat mal-għadd ta' korsijiet ta' PDT mogħtija. Pazjenti li rċevew kors wieħed ta' PDT kellhom riskju ogħla ta' firxa għal kanċer milli dawk li rċevew żewġ jew tliet korsijiet ta' PDT (50% kontra 39% u 11% rispettivament).

### Mod ta' amministrazzjoni

Għal struzzjonijiet dwar ir-rikostituzzjoni qabel l-għoti, ara sezzjoni 6.6.

It-tobba għandhom ikunu mħarrġin fl-użu ta' terapija fotodinamika. L-ewwel parti ta' din it-terapija tikkonsisti f'injezzjoni ġol-vina bil-mod ta' PhotoBarr. It-tieni parti tat-terapija tinbeda 40-50 siegħa wara l-injezzjoni ta' Photobarr. Waqt it-tieni parti tat-terapija jkun hemm illuminazzjoni bid-dawl laser. Il-pazjenti jistgħu jerġgħu jingħataw it-tieni illuminazzjoni bil-laser 96-120 siegħa wara li jkun ingħata PhotoBarr.

PhotoBarr għandu jingħata bħala injezzjoni waħda intravenuża bil-mod. L-injezzjoni ddum tingħata l fuq minn 3 minuti sa 5 minuti. Jekk bi żball ma jingħatax fil-vina, jista' jkun hemm ħsara fit-tessut ta' madwar il-vina. Għalhekk, attenzjoni għandha tingħata sabiex ma jkunx hemm ekstrevażjoni fis-sit tal-injezzjoni. F'każ ta' ekstrevażjoni, l-erja trid tiġi mħarsa mid-dawl għal mill-anqas 90 jum. Ma jidhrix li jkun ta' ġid li tingħata injezzjoni ta' xi sustanza oħra fil-post tal-ekstrevażjoni.

It-trattament bid-dawl għandu jinbeda madwar 40-50 siegħa wara li jingħata PhotoBarr. Id-dawl jiġi diffuż permezz ta' fibra ottika li jgħaddi minn kanal ċentrali li hemm f'bużżeġa, li tsservi biex it-tessut isserraħ fuqha. L-għażla ta' tagħmir ta' kombinazzjoni ta' diffużur ta' fibra ottika, u bużżeġa, tiddependi fuq it-tul tal-esofagu u jkun ser jiġi ttrattat (Tabella 1).

Tabella 1. Diffużur tal-fibra ottika, flimkien mal-bużżeġa<sup>a</sup>

| Tul ta' tessut mukuż fl-esofagu ta' Barrett li jkun ttrattat (ċm) | Qis tad-diffużur tal-fibra ottika (ċm) | Qis tal-kanal tal-bużżeġa (ċm) |
|-------------------------------------------------------------------|----------------------------------------|--------------------------------|
| 6-7                                                               | 9                                      | 7                              |
| 4-5                                                               | 7                                      | 5                              |
| 1-3                                                               | 5                                      | 3                              |

<sup>a</sup> Fejn possibli, il-parti tal-esofagu ta' Barrett li jkun se jiġi ttrattat, għandu jkollu burduri ta' tessut normali, ta' ftit millimetri fuq in-naħa ta' quddiem u ta' wara.

### *Doża ta' dawl*

L-attivazzjoni bid-dawl hija kkontrollata bid-doża tad-dawl fornuta. L-għan huwa li ż-żoni ta' HGD u t-tul kollu tal-esofagu ta' Barrett jiġu esposti għad-dawl u ttrattati. Id-doża ta' dawl tkun ta' 130 Joules/ċm (J/ċm) ta' tul tad-diffużur meta tintuża bużżeġa li tiċċentra. Skond sħarriġ ta' qabel l-użu kliniku, l-intensità tad-dawl aċċettata meta jintuża d-diffużur flimkien mal-bużżeġa, għandha tkun fuq medda ta' 175-270 mW/ċm ta' diffużur.

Biex tikkalkola d-doża tad-dawl, il-formula dozimetrika li ġejja tintuża għal kull diffużur li jaħdem fil-fibra ottika:

$$\text{Id-doża tad-dawl (J/ċm)} = \frac{\text{Rata ta' enerġija li toħroġ mid-diffużur (W) x tul taż-żmien tat-trattament (sec)}}{\text{Tul tad-diffużur (ċm)}}$$

Tabella 2 turi l-aġġustamenti biex tingħata doża fl-anqas ħin (b'intensità tad-dawl ta' 270 mW/ċm). It-tieni għażla (b'intensità tad-dawl ta' 200 mW/ċm) ġiet inkluża biex jiġu aġġustati tagħmir tal-laser li għandhom kapacià totali li ma' taqbiżx 2.5 W.

Tabella 2. Rata ta' enerġija li toħroġ mid-diffużur tal-fibra ottika u tul ta' żmien tat-trattament meħtieġ biex iforni 130 J/ċm ta' tul ta' diffużur bil-bużżeġa li tiċċentra.

| Qis tal-kanal tal-bużżeġa (ċm) | Tul tal-apparat (ċm) | Intensità tad-dawl (mW/ċm) | Rata ta' enerġija meħtieġa <sup>a</sup> (W) | Tul taż-żmien tat-trattament (sec) | Tul taż-żmien tat-trattament (min:sec) |
|--------------------------------|----------------------|----------------------------|---------------------------------------------|------------------------------------|----------------------------------------|
| 3                              | 5                    | 270                        | 1.35                                        | 480                                | 8:00                                   |
| 5                              | 7                    | 270                        | 1.90                                        | 480                                | 8:00                                   |
|                                |                      | 200                        | 1.40                                        | 650                                | 10:50                                  |
| 7                              | 9                    | 270                        | 2.44                                        | 480                                | 8:00                                   |

|  |  |     |      |     |       |
|--|--|-----|------|-----|-------|
|  |  | 200 | 1.80 | 650 | 10:50 |
|--|--|-----|------|-----|-------|

<sup>a</sup> Kif mkejla bit-tagħmir li jkejjel l-enerġija wara li jiġi mgħaddas id-diffużur u miżjud bil-mod il-qawwa tal-laser. Nota: Il-qawwa tal-laser meħtieġa mhux suppost tkun aktar minn 1.5 darba aktar minn dik li toħroġ mid-diffużur. Jekk ikun hemm bżonn ta' aktar minn hekk, is-sistema għandha tiġi ċċekjata.

Diffużuri tal-fibra ottika qosra ( $\leq 2.5$  ċm) jintużaw fuq għoqod ta' tumuri żgħar b'rata ta' 50 J/ċm ta' tul tal-apparat, qabel l-ewwel trattament regolari bil-bużżieqa waqt l-ewwel espożizzjoni b'laser. Jintuża wkoll fuq żoni li jitqabbżu wara l-ewwel trattament b'laser. F'dan it-trattament, id-diffużur tal-fibra ottika, jintuża mingħajr bużżieqa, u b'intensità tad-dawl ta' 400 mW/ċm. Tabella 3 turi r-rata tal-enerġija li toħroġ mill-apparat tal-fibra ottika, kif ukoll it-tul ta' żmien ta' trattament meta l-intensità tad-dawl tkun 400 mW/ċm.

Tabella 3. Diffużuri bil-fibra ottika qosra li jintużaw mingħajr bużżieqa li tiċċentra, biex ifornu 50 J/ċm ta' tul tad-diffużur, b'intensità ta' dawl ta' 400 mW/ċm

| Tul tad-diffużur (ċm) | Rata ta' enerġija meħtieġa mid-diffużur <sup>a</sup> (W) | Tul tat-trattament (sec) | Tul tat-trattament (min:sec) |
|-----------------------|----------------------------------------------------------|--------------------------|------------------------------|
| 1.0                   | 0.4                                                      | 125                      | 2:05                         |
| 1.5                   | 0.6                                                      | 125                      | 2:05                         |
| 2.0                   | 0.8                                                      | 125                      | 2:05                         |
| 2.5                   | 1.0                                                      | 125                      | 2:05                         |

<sup>a</sup> Kif mkejla bit-tagħmir li jkejjel l-enerġija wara li jiġi mgħaddas id-diffużur u miżjud bil-mod il-qawwa tal-laser. Nota: Il-qawwa tal-laser meħtieġa mhux suppost tkun aktar minn 1.5 darba aktar minn dik li toħroġ mid-diffużur. Jekk ikun hemm bżonn ta' aktar minn hekk, is-sistema għandha tiġi ċċekjata.

#### L-ewwel espożizzjoni għad-dawl

Waqt l-ewwel sessjoni bid-dawl jiġi ttrattat tul massimu ta' 7 ċm ta' mukoża ta' Barrett, u jintużaw bużżieqa u diffużur tal-fibra ottika, ta' qis xieraq (Tabella 1). Fejn possibbli, il-parti magħżula li trid tiġi ttrattata bid-dawl, għandha jkun fiha żoni ta' HGD. Barra dan, fejn possibbli, il-parti tal-esofagu ta' Barrett li tkun ser tiġi ttrattata, għandha jkollha burduri ta' f'tit millimetri tessut normali fuq in-naħa ta' quddiem u ta' wara. Qabel it-trattament ewlieni, għoqod ta' tumuri żgħar għandhom jiġu ttrattati b'dożi ta' dawl ta' 50 J/ċm ta' tul tad-diffużur F'dan il-każ jintuża diffużur tal-fibra ottika qasira ( $\leq 2.5$  ċm), li jitqiegħed direttament bi dritt l-għoqod. Wara jkun hemm applikazzjoni standard regolari bil-bużżieqa, kif spjegat hawn fuq.

#### Espożizzjoni għad-dawl ripetuta

It-tieni trattament bid-dawl laser jista' jerġa jingħata fuq l-istess lok meta jkun hemm żoni maqbuża (jiġifieri, żoni fejn it-tessut mukuż ma jkunx irrisponda biżżejjed għat trattament ta' qabel). Fit-tieni trattament jintuża diffużur tal-fibra ottika qasira ta'  $\leq 2.5$  ċm u b'doża ta' dawl ta' 50 J/ċm ta' tul tal-apparat (ara Tabella 3). Il-kors tat-trattament huwa spjegat fil-qosor f' Tabella 4. Pazjenti b' esofagu ta' Barrett  $> 7$  ċm, għandu jkollhom il-kumplament tal-epitelju ta' Barrett li ma jintlaħaqx fl-ewwel trattament, ittrattat b' kors ieħor ta' terapija fotodinamika, tal-anqas 90 jum wara.

Tabella 4. Displasja qawwiya fl-esofagu ta' Barrett li huwa  $< 7$  ċm

| Proċedura                    | Jum ta' studju     | Tagħmir ħafif biex jitwassal id-dawl                       | Kif intenzjonat it-trattament    |
|------------------------------|--------------------|------------------------------------------------------------|----------------------------------|
| Injezzjoni PhotoBarr         | Jum 1              | Mhux applikabbli                                           | Jittieħed il-fotosensitizzatur   |
| Espożizzjoni għad-dawl laser | Jum 3 <sup>a</sup> | Bużżieqa ta' 3, 5 jew 7 ċm (130 J/ċm)                      | Attivazzjoni bid-dawl            |
| Espożizzjoni għad-dawl laser | Jum 5              | Diffużur qasir ( $\leq 2.5$ ċm) tal-fibra ottika (50 J/ċm) | Trattament biss taż-żoni maqbuża |

<sup>a</sup>Għoqod diskreti jingħataw doża ta' dawl ta' 50 J/cm (jintuża diffużur qasir) fil-bidu qabel l-użu bid-dawl permezz tal-bużżieqa u l-apparat regolari.

Il-pazjenti jistgħu jingħataw it-tieni kors ta' PDT mill-anqas 90 jum wara l-ewwel terapija. Huma jistgħu jingħataw sa tlett korsijiet ta' terapija fotodinamika (kull injezzjoni tingħata mill-anqas 90 jum wara ta' qabel) fuq l-istess parti li tkun ġiet trattata qabel li tkun għadha turi HGD, kif ukoll meta l-parti ta' Barrett tkun oriġinalment >7 cm fit-tul. Kemm partijiet li jkun fadal jew partijiet oħrajn, jistgħu jiġu ittrattati fl-istess sessjoni (jiet) tat-trattament bid-dawl, jekk it-tul totali tal-partijiet ittrattati bil-kombinazzjoni ta' bużżieqa u diffużur, ma jkunx akbar minn 7 cm. F' każ li parti mill-esofagu tkun diġà ġiet trattata u ma tkunx tfiqet, u/jew ir-riżultat istoloġiku ta' biopsiji ma' jkunx ċar, jista' jkun hemm differiment ta' xahar jew xahrejn fil-kors ta' terapija fotodinamika li jkun imiss.

Attenzjoni speċjali sabiex jiġi żgurat dożi tajba ta' PhotoBarr u/jew dawl, hija kruċjali imbilli dożi ħżiena fil-prodott mediċinali jew f'espożizzjoni għad-dawl, jistgħu jikkaġunaw trattament anqas effettiv jew ħsara lil pazjent. It-terapija fotodinamika b'PhotoBarr għandha tingħata minn tobbi mħarrġa fl-użu endoskopiku waqt it-terapija fotodinamika. Barra minn hekk it-trattament għandu jingħata f'postijiet fejn huma mgħammra tajjeb għal din l-proċedura.

#### Popolazzjonijiet speċifiċi

##### *Pazjenti pedjatriċi*

PhotoBarr m'għandux jintuża fi tfal jew adoloxxenti taħt it-18-il sena minħabba nuqqas ta' tagħrif fuq is-sigurtà u l-effikaċja.

##### *Pazjenti anzjani ( $\geq 65$ sena)*

Mhux meħtieġ li d-doża tiġi aġġustata minħabba l-età.

##### *Indeboliment fil-kliewi*

L-influwenza ta' indeboliment fil-kliewi minħabba l-espożizzjoni għal porfimer sodium ma ġietx evalwata (ara sezzjoni 4.3).

##### *Indeboliment fil-fwied*

L-influwenza ta' indeboliment fil-fwied minħabba l-espożizzjoni għal porfimer sodium ma ġietx evalwata (ara sezzjonijiet 4.3 u 4.4).

#### **4.3 Kontraindikazzjonijiet**

Sensittività eċċessiva għas-sustanza attiva jew għal porfirini oħra jew għal xi sustanzi mhux attivi.

Porfirja

Indeboliment qawwi fil-fwied u/jew kliewi.

Variċi fl-esofagu jew fl-istonku jew ulċeri fl-esofagu b' dijametru > 1 cm.

Fistula fit-trakea-esofagali jew bronko-esofagali.

Ħjiel ta' tgħawwir fil-vażi tad-demmi maġġuri minħabba riskju ta' emorraġija serja li tista' tkun fatali.

#### **4.4 Twissijiet speċjali u prekawzjonijiet għall-użu**

L-effikaċja u fuq kollox is-sigurtà ta' meta tingħata terapija fotodinamika b'PhotoBarr, ma ġewx mistħarrġa f'pazjenti li huma kontra-indikati jew mhux elligibli għal esofagotomija. It-terapija fotodinamika b'PhotoBarr ġiet mistħarrġa biss f'pazjenti li ma' kellhomx mard serju, bħal insuffiċjenza kardijaka konġestiva fi stadju avvanzat, jew mard serju fil-pulmun li jista' jinibixxi l-pazjent minn intervent kirurġiku.

Terapija fotodinamika b'PhotoBarr ġiet ippruvata waqt provi kliniċi fuq pazjenti mhux konxji mit-trattament ta' asportazzjoni mukuża. Ma ġewx mistħarrġa s-sigurtà u l-effikaċja f'pazjenti li ma' mnexxewlhomx trattamenti lokali oħrajn ta' asportazzjoni mukuża.

#### *Anzjani*

Pazjenti li għandhom iktar minn 75 sena jista' jkollhom riskju akbar minħabba effetti avversi fis-sistema respiratorja, bħal effużjoni plewrali u qtugħ ta' nifs.

#### *Disturbi pulmonari jew kardjaċi*

Pazjenti li għandhom mard mediku fil-pulmun jew fil-qalb, jew storja medika ta' din ix-xorta, għandhom jiġu trattati b' kawtela. Dawn il-pazjenti jistgħu jkunu f'riskju ogħla li jiżviluppaw problemi fil-qalb jew fil-fwied, bħal mard li jaffettwa t-taħbit tal-qalb, angina pectoris, qtugħ ta' nifs, sogħla, effużjoni plewrali, atelektazi, kif ukoll każijiet ta' deidratazzjoni (ara ukoll sezzjoni 4.8).

#### *Fotosensittività*

Il-pazjenti kollha li jieħdu PhotoBarr jsiru sensitivi ħafna għad-dawl. Għalhekk għandhom jieħdu prekawżjonijiet kontra l-espożizzjoni tal-ġilda u l-għajnejn mid-dawl dirett tax-xemx jew dawl minn lampi qawwi (lampi li jintużaw biex jeżaminaw, inklużi lampi tad-dentist, lampi tal-kamra tal-interventi kirurġiċi, bozoz mikxufa mill-viċin, dawl neon, eċċ.). Dawn il-prekawżjonijiet għandhom jiġu osservati sa mill-anqas 90 jum wara t-trattament, għax hemm pazjenti li jibqgħu sensitivi ħafna għad-dawl sa anke 90 jum jew aktar. Tul dan il-perijodu, il-pazjenti għandhom jilbsu nuċċali tax-xemx skur, li bħala medja jittrażmetti dawl abjad <4% meta jkunu barra. Din is-sensittività eċċessiva għad-dawl hija minħabba sustanzi fotoattivi li jibqgħu preżenti fil-ġilda kollha. Madankollu, l-espożizzjoni tal-ġilda għal dawl ambjentali ġewwa d-dar, hija ta' ġid, għax b'hekk id-droga żejda tiġi nnewtralizzata bid-dawl. Għalhekk, il-pazjenti m'għandhomx joqgħodu fi kmamar mudlama f'dan iż-żmien, u għandhom jiġu mħajjra jespōnu l-ġilda għad-dawl ambjentali ta' ġewwa. Ir-reazzjoni tal-ġilda għad-dawl tvarja skond il-parti tal-ġisem, u tiddependi fuq kemm il-ġilda tkun ġiet esposta għad-dawl qabel. Qabel tinkixef parti mill-ġilda fid-dawl dirett tax-xemx jew dawl qawwi ieħor, il-pazjent għandu l-ewwel jiċċekkja li m'għadhux sensitiv għad-dawl b'mod eċċessiv. Parti żgħira mill-ġilda għandha tkun esposta għad-dawl tax-xemx għal 10 minuti. It-tessut ta' madwar l-għajnejn jista' jkun aktar sensitiv, u għalhekk mhux rakkomandat li jintuża l-wiċċ biex tiċċekkja għas-sensittività. Jekk ma tiżviluppax sensitività eċċessiva (eritema, edema, jew nfafet) fi żmien 24 siegħa, il-pazjent jista' bil-mod jerġa joħroġ barra regolari. Fil-bidu, dan isir b' kawtela u l-espożizzjoni tiżdied gradwalment. Il-pazjent għandu jibqa' jieħu l-prekawżjonijiet mehtiegħa u jerġa' jiċċekkja l-ġilda ġimagħtejn wara jekk ikun hemm sensitività eċċessiva għad-dawl meta l-pazjent jiċċekkja fuq parti żgħira tal-ġilda. Il-pazjent għandu jerġa' jirrepeti dan it-test kemm-il darba jmur f' post aktar xemxi. Dlik konvenzjonali ta' kontra r-raġġi UV (ultraviolet) ma jipproteġix kontra reazzjonijiet kkaġunati minħabba sensitività eċċessiva għad-dawl. Dan għaliex l-attivazzjoni ssir permezz ta' dawl viżibbli.

#### *Indeboliment epatiku*

Ebda tagħrif farmakokinetiku u dwar is-sigurtà f'pazjenti b'indeboliment epatiku mhux disponibbli. Skond evidenza għal eliminazzjoni epatika/jew mill-marrara primarja ta' sustanzi fotoattivi, is-severità ta' reazzjonijiet fototossiċi u t-tul ta' żmien ta' fotosensittività f'pazjenti b'xi grad ta' indeboliment epatiku jista' jiżdied. PhotoBarr huwa kontraindikat f'pazjenti b'indeboliment epatiku sever. Pazjenti b'indeboliment epatiku minn ħafif sa sever għandhom jiġu mogħtija struzzjonijiet ċari li l-perijodu mehtiegħ għal miżuri prekawżjonarji deskritti hawn isfel jistgħu jdumu gal aktar minn 90 jum.

#### *Sensittività okulari*

Il-pazjenti għandhom jingħataw parir sabiex jikkonsultaw mal-oftalmologu tagħhom jekk jindunaw b'xi tibdil fil-vista wara li jkunu ġew ittrattati bit-terapija fotodinamika ta' PhotoBarr.

#### *Sensittività eċċessiva*

Ġew irrappurtati reazzjonijiet ta' sensitività eċċessiva akuta nklużi anafilasi. F'każ ta' reazzjoni allerġika, għandhom jittieħdu miżuri adegwati (standard ta' kura) u l-kura PDT m'għandhiex tkun ripetuta. Il-prodott mediċinali għandu jingħata biss meta l-materjal u l-ħaddiema li għandhom esperjenza fl-evalwar u l-kura tal-anafilasi, jkunu disponibbli minnufih.

### *Ugħigh fis-Sider li Mhux Kardijaku*

Wara terapija fotodinamika, il-pazjenti jistgħu jkollhom ilmenti ta' uġigħ fis-sider, taħt l-isternum. Dan minħabba infjammazzjoni li tiżviluppa fil-parti ttrattata. Dan l-uġigħ jista' jkun tant qawwi li jiġġustifika l-ħruġ ta' riċetta għal żmien qasir, għal analġeżiċi narkotiċi sabiex l-uġigħ jitaffa'.

### *Stenożi Esofagali*

L-użu ta' kortikosteroidi bħala prevenzjoni biex inaqqsu it-tidjiq, għandu jiġi evitat waqt terapija fotodinamika. Dan għaliex ġie ppruvat li ma jaħdmux, u jistgħu jaggravaw is-sitwazzjoni.

### *Nutrizzjoni tal-Pazjenti*

It-terapija fotodinamika b'PhotoBarr regolarment tikkaġuna disfaġja, odinofaġja, dardir, u rimettar. Għalhekk, il-pazjenti għandhom ikunu mwissija biex jieħdu ikel likwidu fl-ewwel jiem (sa 4 ġimgħat) wara t-trattament bid-dawl laser. Jekk il-pazjenti ma jkunux jistgħu jżommu l-ikel jew/u x-xorb, minħabba rimettar bla waqfien, huma għandhom imorru l-klinika biex jiġu eżaminati u jekk meħtieġ jingħataw likwidi ġol-vina.

### *Użu Qabel jew Wara r-Radjoterapija*

Jekk terapija fotodinamika tkun ser tingħata qabel jew wara radjoterapija, għandu jgħaddi żmien biżżejjed bejn iż-żewġ trattamenti biex jiġi żgurat li l-infjammazzjoni kkaġunata mill-ewwel trattament tkun marret, qabel jinbeda t-tieni wieħed.

### *Trombo-emboliżmu*

Jista' jkun hemm żieda fir-riskju ta' avvenimenti trombo-emboliċi aktar u aktar f'pazjenti b'immobilizzazzjoni għal tul taż-żmien, fatturi ta' riskju ta' wara operazzjoni serja u fatturi oħra ta' riskju tromboemboliċi.

### *Proċedura ta' wara*

Attwalment, m'hemmx tagħrif fuq l-effetti fit-tul ta' PhotoBarr ('il fuq minn sentejn). Importanti wkoll li t-tobba li jagħtu dan it-trattament ikunu konxji dwar il-possibbiltà ta' żvilupp żejjed ta' qxur, kif ukoll ir-riskju li ma jarawx sintomi ta' kanċer.

Għalhekk, għandha titkompla s-sorveljanza xierqa u b'reqqa, anke jekk l-eżami endoskopu juri li hemm fejqan parzjali jew sħiħ tat-tessut mukuż squamous.

Fl-istudji kliniċi b'Photobarr, sorveljanza fuq il-pazjenti kienet ssir kull tlett xhur, jew kull sitt xhur wara li jkunu ttieħdu r-riżultati tal-biopsija għal erba' darbiet u ntweru u ma hemmx sinjali ta' displasja qawwija aktar (ara sezzjoni 5.1).

Għandhom jiġu kkunsidrati l-linji gwida disponibbli dwar trattament u sorveljanza.

## **4.5 Prodotti mediċinali oħra li ma jaqblux ma' dan il-prodott u affarġiet oħra li jistgħu jibdlu l-effetti farmaċewtiku tal-prodott**

Ma kien hemm l-ebda studju formali dwar kif prodotti mediċinali – prodott mediċinali ieħor u PhotoBarr jaffettwaw il-kwalitajiet farmakokinetiċi ta' xulxin.

Stħarriġ farmakodinamiku wera li meta jingħataw kortikosteroidi qabel jew ma' terapija fotodinamika, bi skop biex inaqqsu t-tidjiq, is-sigurtà tat-trattament tista' titbaxxa.

Hemm possibbiltà li l-użu ta' PhotoBarr flimkien ma' sustanzi li jikkaġunaw sensittività eċċessiva għad-dawl (eż: tetracyclines, sulphonamides, phenothiazines, sustanzi ipogliċemiċi tat-tip sulphonylurea, diuretiċi thiazide, griseofulvin u fluoroquinolones) jistgħu jżidu aktar din is-sensittività eċċessiva għad-dawl.

Terapija fotodinamika, PhotoBarr, tagħmel ħsara fiċ-ċelluli billi tibda reazzjonijiet katina b'radikali ħielsa li jattakkaw il-membrani intraċellulari u l-mitokondrija. Ikun hemm ukoll ħsara fit-tessut minħabba iskemja sekondarja li tiġi wara tagħfis fl-arterji, attivazzjoni ta' plejlets, aggregazzjoni u

emboli. Sħarriġ fuq annimali u fuq kolonji ta' ċelluli, wera li hemm ħafna sustanzi attivi li jinfluenzaw l-effetti ta' terapija fotodinamika. Eżempji possibbli ta' sustanzi bħal dawn huma spjegati fil-paragrafu li jmiss. M'hemm sħarriġ fuq l-bniedem li jipprova jew immur kontra dawn l-possibiltajiet.

Komposti leblieba għal speċijiet attivi ta' ossiġnu jew li jirreaġixxu b'mod preferenzjali mar-radikali jkun mistenni li jnaqqsu l-attività ta' terapija fotodinamika. Eżempji ta' sustanzi bħal dawn huma dimethyl sulphoxide, b-carotene, ethanol, formate u mannitol. Informazzjoni ta' qabel l-użu kliniku tissuġġerixxi li iskemja fit-tessut, allopurinol, imblokkaturi tal-kanali tal-kalċju u inibituri tal-produzzjoni ta' prostaglandins, jistgħu jinterferixxu ma' terapija fotodinamika ta' PhotoBarr. Prodotti mediċinali li jnaqqsu t-tgħaqdid tad-demem, it-tagħfis ta' vażi jew l-aggregazzjoni ta' plejtlets eż. inibituri ta' thromboxane A<sub>2</sub>, jistgħu jnaqqsu l-effikaċja ta' terapija fotodinamika.

#### 4.6 Fertilità, Tqala u Treddigħ

##### Tqala

M'hemm tagħrif kliniku tal-effett ta' porfimer tas-sodju fuq it-tqala. L-istħarriġ fuq l-annimali dwar t-tqala, l-iżvilupp tal-fetu, il-proċess tat-twelid, u l-iżvilupp ta' wara, m'huwix biżżejjed (ara sezzjoni 5.3). Ir-riskju li jista' jkun hemm meta jintuża fil-bniedem mhux magħruf. Porfimer tas-sodju m'għandux jintuża waqt it-tqala sakemm ma jkunx hemm triq oħra.

Nisa li jistgħu jinqabdu tqal għandhom jużaw mezz ta' kontraċezzjoni qabel waqt u sa 90 jum wara t-trattament.

##### Treddigħ

Mhux magħruf jekk fil-bniedem, porfimer sodium jiġix eliminat fil-ħalib tas-sider jew le. Fil-firien li jreddgħu nstab li porfimer sodium jgħaddi għal-ħalib tas-sider. Għaldaqstant, la m'hemm informazzjoni dwar dan fil-bniedem, il-ħalib tas-sider għandu jitwaqqaf qabel it-trattament.

#### 4.7 Effetti fuq il-ħila biex issuq u tħaddem magni

Ma sarux studji dwar l-effetti fuq il-ħila biex issuq jew tħaddem magni.

PhotoBarr m'għandu l-ebda effett jew ftit li xejn fuq il-ħila ta' sewqan u l-użu ta' magni. Il-proċedura ta' PDT tista' tirrikjedi l-użu tal-loppju u għalhekk wieħed irrid joqgħod attent. Il-pazjenti m'għandhomx issuqu jew iħaddmu magni wara t-trattament bid-dawl jekk ikunu ġew mogħtija l-loppju għall-proċedura.

#### 4.8 Effetti mhux mixtieqa

##### *a. Sommarju tal-profil tas-sigurtà*

Il-pazjenti kollha li ser jieħdu PhotoBarr ser ikunu sensittivi għad-dawl u għandhom josservaw prekawzjonijiet biex jevitaw id-dawl tax-xemx u d-dwal qawwi ta' ġewwa (ara sezzjoni 4.4). Waqt studju farmakokinetiku, bit-tikketa tidher, kull wieħed minn 24 suġġett kellhom reazzjonijiet minħabba sensittività eċċessiva għad dawl. Dawn kienu kkaratterizzati b'raxx eritematiku, u edema, u kienu jvarjaw fil-gravità minn hġief għal moderati. Dawn ir-reazzjonijiet attakkaw l-aktar il-wiċċ, l-idejn, u partijiet tal-għonq, li huma kollha żoni suxxettibbli għal espożizzjoni aċċidentali għad-dawl tax-xemx. Kien hemm rapportati wkoll effetti fuq il-ġilda li kienu anqas komuni bħal: żieda fir-rata ta' kemm jitwal ix-xagħar, bdil fil-lewn tal-ġilda, għoqod fil-ġilda, kif ukoll tikmix u fraġilità tal-ġilda. Dawn l-effetti setgħu ġew ikkaġunati minħabba stat ta' pseudoporfirja (porfirja fil-ġilda stimulata minn prodotti mediċinali). Il-frekwenza u n-natura ta' dawn r-reazzjonijiet minħabba sensittività eċċessiva għad-dawl, ma kienux bħal dawk rapportati fi studji kliniċi oħrajn li saru fuq pazjenti li għandhomkanċer (madwar 20%), jew bħal dawk rapportati waqt l-użu kummerċjali ta' PhotoBarr (< 20%). Jista' jkun li din il-frekwenza għolja kienet dovuta għal espożizzjoni twila għad-dawl fil-klinika tar-riċerka, jew inkella minħabba espożizzjoni aċċidentali għax-xemx meta l-pazjenti tħallew joħorġu. Fattur ieħor li seta kkontribwixxa għal din id-differenza huwa l-mod attiv li jgħixu l-individwi u l-fatt li kienu aktar b'saħħithom u iżgħar mill-pazjenti b'kanċer.

It-trattament permezz ta' terapija fotodinamika b'PhotoBarr flimkien ma' omeprazole (PDT + OM) ġie mqabbel ma' grupp ittrattat b'omeprazole biss (OM biss), waqt provi kliniċi kkontrollati fuq l-esofagu ta' Barrett (BO) flimkien ma' displasja qawwiya (HGD). Fil-grupp ta' PDT + OM, ġew ittrattati 133 pazjenti. L-aktar reazzjonijiet avversi rapportati kienu: sensittività eċċessiva għad-dawl (69%), stenożi fl-esofagu (40%), rimettar (32%), uġiġħ fis-sider li mhuwiex tal-qalb (20%), deni (20%), disfaġja (19%), stitikezza (13%), deidratazzjoni (12%), u dardir (11%). Fil-biċċa l-kbira, dawn ir-reazzjonijiet kienu minn hfiyf sa moderati.

*b. Tabella ta' sommarju ta' reazzjonijiet avversi*

F'Tabella 5 hemm lista ta' reazzjonijiet avversi li huma klassifikati skond il-frekwenza u organu li effettwat. Il-frekwenzi huma mfissra hekk: komuni (>1/10); komuni (>1/100, <1/10); mhux komuni (>1/1000, <1/100); mhux magħrufa (ma jistgħux jiġu stimati mid-dejta disponibbli).

F'kull sezzjoni ta' frekwenza, l-effetti mhux mixtieqa għandhom jitniżżlu skond is-serjetaà tagħhom bl-aktar serji jitniżżlu l-ewwel.

*Tabella 5. Sommarju ta' reazzjonijiet mhux mixtieqa b'porfimer sodjum*

|                                                                                                                                                                                                   |
|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| <u>Infezzjonijiet u infestazzjonijiet</u><br>Mhux komuni: Bronkite, infezzjonijiet fungali fid-dwiefer, sinusite, infezzjonijiet fil-ġilda<br>Mhux magħrufa: Pnewmonja                            |
| <u>Neoplażmi beninni, malinni u dawk mhux speċifikati (inklużi ċesti u polipi)</u><br>Mhux komuni: Kanċer taċ-ċelluli bażali, lentigo                                                             |
| <u>Disturbi tad-demem u tas-sistema limfatika</u><br>Mhux komuni: Lewkoċitożi<br>Mhux magħrufa: Anemija                                                                                           |
| <u>Disturbi fis-sistema immuni</u><br>Mhux magħrufa: Sensittività eċċessiva                                                                                                                       |
| <u>Disturbi fil--metabolismu u n-nutrizzjoni</u><br>Komuni ħafna: Deidratazzjoni*<br>Komuni: Tnaqqis fl-aptit, żbilanċ elettrolitiku<br>Mhux komuni: Ipokalimja                                   |
| <u>Disturbi psikjatriċi</u><br>Komuni: Ansjetà, nuqqas ta' rqad<br>Mhux komuni: Irrekweitezza                                                                                                     |
| <u>Disturbi fis-sistema nervuża</u><br>Komuni: Uġiġħ ta' ras, parestezja, disgewsia<br>Mhux komuni: Sturdament, ipoesteżija, roġhda                                                               |
| <u>Disturbi fl-għajnejn</u><br>Mhux komuni: Irritazzjoni fil-għajnejn, edema fl-għajnejn<br>Mhux magħrufa: Kataretti                                                                              |
| <u>Disturbi fil-widnejn u sistema labrintika</u><br>Mhux komuni: Truxija, tinnite, tinnite aggravata                                                                                              |
| <u>Disturbi fil-qalb</u><br>Komuni: Takikardja, uġiġħ fis-sider<br>Mhux komuni: Angina pectoris, fibrillazzjoni atrijali, tħabbit irregolari fl-arterji, skonfort fis-sider                       |
| <u>Disturbi vaskulari</u><br>Mhux komuni: Pressjoni għolja, emorraġija, fwawar, pressjoni baxxa, pressjoni baxxa meta bil-wieqfa<br>Mhux magħrufa: Emboliżmu, Trombożi ta' vina fil-fond, Flebite |

|                                                                      |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                               |
|----------------------------------------------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
| <u>Disturbi respiratorji, toraċċiu medjastinali</u>                  |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                               |
| <i>Komuni:</i>                                                       | Effużjoni plewrali, farinġite, atelektazi, qtugħ ta' nifs                                                                                                                                                                                                                                                                                                     |
| <i>Mhux komuni:</i>                                                  | Tifga, qtugħ ta' nifs meta tagħmel sforz, emoptisi, ipoksja, konġestjoni fl-immieher, infjammazzjoni tal-pulmun minħabba aspirazzjoni, sola misjura, dipressjoni respiratorja, konġestjoni fl-apparat tas-sistema respiratorja, tħarħir                                                                                                                       |
| <u>Disturbi gastrointestinali</u>                                    |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                               |
| <i>Komuni ħafna:</i>                                                 | Stenożi akkwistata tal-esofagu*, rimettar*, disfaġja, stitikezza, dardir*                                                                                                                                                                                                                                                                                     |
| <i>Komuni:</i>                                                       | sulluzzu, odinofagja, dijarea, dispepsja, ulċera fl-esofagu, uġigħ fin naħa ta' fuq tal-addome*, uġigħ fl-addome, haematemesis, uġigħ fl-esofagu, tifwiq, melaena (ematoċeznija), disturb fl-esofagu, rigurġitazzjoni tal-ikel, spażmu fl-esofagu, esofaġite.                                                                                                 |
| <i>Mhux komuni:</i>                                                  | Purgar maħlul, ulċeri fl-esofagu, uġigħ ħafif fl-addome, distenzzjoni addominali, uġigħ fin-naħa t' isfel tal-addome, stenożi pajlori akkwiżiti, xufftejn maqsuma, kolite, uġigħ ta' gass, gastrite, emorraġija fl-istonku u l-imsaren, halitosis, emorraġija fl-esofagu, esofaġite ulċerativa, skumdit addominali, distensjoni addominali, toqob fl-esofagu. |
| <i>Mhux magħrufa:</i>                                                | Fistula trakeo-esofogali, Nekrożi gastro-intestinali                                                                                                                                                                                                                                                                                                          |
| <u>Disturbi fil-ġilda u fit-tessuti ta' taħt il-ġilda</u>            |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                               |
| <i>Komuni ħafna:</i>                                                 | Sensittività eċċessiva għad-dawl                                                                                                                                                                                                                                                                                                                              |
| <i>Komuni:</i>                                                       | Ħakk, raxx, ġilda fraġili, bidliet fil-lewn tal-ġilda, ulċeri tal-ġilda, dermatite, tqaxxir tal-ġilda, ġilda xotta, milia, raxx makulo-papulari, raxx papulari, ċikatriċi, iperpigmentazzjoni tal-ġilda, feriti fil-ġilda, għoqod fil-ġilda, urtikarja                                                                                                        |
| <i>Mhux komuni:</i>                                                  | Għaraq kiesaħ, dermatite, xagħar jikber b' mod mhux normali, tendenza li titbenġel malajr, ċikatriċi kelojd, għaraq bil-lejl, raxx mid-dawl, raxx makulari, raxx bil-qxur, skorċa ta' qxur niexef, uġigħ fil-ċikatriċi, vitiligo.                                                                                                                             |
| <u>Disturbi muskolu-skeltrali u tal-connective tissue</u>            |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                               |
| <i>Komuni:</i>                                                       | Uġigħ fid-dahar, uġigħ fir-riġlejn                                                                                                                                                                                                                                                                                                                            |
| <i>Mhux komuni:</i>                                                  | Ġbid fil-ġogi, tnaqqis fil-movimenti tal-ġogi, uġigħ fil-muskoli u għadam tas-sider, plantar faxxite                                                                                                                                                                                                                                                          |
| <u>Disturbi fil-kliewi u tas-sistema urinaria</u>                    |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                               |
| <i>Mhux komuni:</i>                                                  | Tiżmim tal-awrina                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                             |
| <u>Disturbi fis-sistema riproduttiva u fis-sider</u>                 |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                               |
| <i>Mhux komuni:</i>                                                  | Gynaecomastia                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                 |
| <u>Disturbi konġenitali u ġenetiċi</u>                               |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                               |
| <i>Mhux komuni:</i>                                                  | Naevus ipigmentat                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                             |
| <u>Disturbi ġenerali u kundizzjonijiet ta' mnejn jingħata</u>        |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                               |
| <i>Komuni ħafna:</i>                                                 | Deni                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                          |
| <i>Komuni:</i>                                                       | Rogħda ta' bard, għajja                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                       |
| <i>Mhux komuni:</i>                                                  | Sħanat, eritema fil-post tal-injezzjoni, ħass ħażin, edema periferali, uġigħ, edema bil-ħofor, intolleranza tas-sħana, dgħjufija                                                                                                                                                                                                                              |
| <u>Stħarriġ</u>                                                      |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                               |
| <i>Komuni:</i>                                                       | Telf fil-piż, żieda fit-temperatura tal-ġisem                                                                                                                                                                                                                                                                                                                 |
| <i>Mhux komuni:</i>                                                  | Tnaqqis fil-livelli tal-albumina fid-demmm, żieda fil-livelli ta' klorur fid-demmm, żieda fil-livelli ta' urea fid-demmm, tnaqqis fil-livelli tal-ematokrit, tnaqqis fil-livelli tal-emoglobina, tnaqqis fil-livelli tas-saturazzjoni tal-ossiġnu, tnaqqis fil-livelli tal-proteini totali                                                                    |
| <u>Korriment, avvelenament u komplikazzjonijiet ta' xi proċedura</u> |                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                               |
| <i>Komuni:</i>                                                       | Uġigħ post-proċedurali, brix                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                  |
| <i>Mhux komuni:</i>                                                  | Nuffat, emorraġija post-proċedurali                                                                                                                                                                                                                                                                                                                           |

\* ara sezzjoni ċ.

ċ.Deskrizzjoni ta' reazzjonijiet mhux mixtieqa magħżula

44 suġġett (23.1%) tal-grupp PhotoBarr PDT + OM kellhom reazzjonijiet avversi serji li ġew assoċjati mat-trattament. Minn dawn, l-aktar komuni kienu deidratazzjoni (4%), li effettwat 5 pazjenti. Fil-biċċa l-kbira, r-reazzjonijiet avversi li kienu serji li effettwaw ħdax il-pazjent, kienu problemi fis-sistema diġestiva (8% - 11 pazjenti), b'mod speċifiku d-dardir (3% - 4 pazjenti), rimettar (3% - 4 pazjenti), u uġigħ fin-naħa ta' fuq tal-addome (2% - 2 pazjenti).

Fil-biċċa l-kbira ta' trattamenti assoċjati ma' stenożi tal-esofagu (li jinkludu tidjiq u kontrazzjonijiet fl-esofagu) li ġew rapportati fil-grupp ta' PhotoBarr PDT + OM, kienu ta' natura ħafifa jew moderata (92%). L-inċidenzi kollha ta' kontrazzjonijiet ġew ikkunsidrati li kienu assoċjati mat-trattament, li minnhom 1% kienu ta' natura serja.

Fl-ewwel kors tat-trattament ġiet osservata rata ta' 12% ta' kontrazzjonijiet fl-esofagu. Din ir-rata żdiedet għal 32% meta nġhata t-tieni kors, speċjalment meta fit-tieni trattament kien hemm żoni li ġew ittrattati fl-ewwel kors. Dawk li ħadu t-tielet trattament kellhom rata ta' 10%. Fil-biċċa l-kbira, l-gravità kienet minn ħafifa sa moderata, u l-problema ġiet milgħuba wara 1-2 trattamenti ta' twessigħ. Tmienja fil-mija kienu serji hu kellhom b'żonn madwar (6 - >10) trattamenti ta' twessigħ. Il-formazzjoni ta' stenożi fl-esofagu ma tistax tiġi mnaqqsa jew mrażżna permezz tal-isterojdi.

## 4.9 Doża eċċessiva

### PhotoBarr

M'hemmx informazzjoni fuq każijiet ta' doża eċċessiva b'PhotoBarr. Dożi oġhla tal-prodott mediċinali minn dawk rakkomandati ta' 2 mg/kg, nġhataw f'intervall ta' jumejn (f'10 pazjenti), u tlett dożi ta' 2 mg/kg, li nġhataw f'intervall ta' ġimagħtejn (f'pazjent wieħed), kienu tollerati mingħajr reazzjonijiet avversi. L-effetti ta' doża eċċessiva fuq is-sensittività eċċessiva għad-dawl m'humiex magħrufa. F'każ ta' doża eċċessiva b'PhotoBarr, m'għandux ikun hemm trattament bil-laser. Pazjenti li jkunu ħadu doża eċċessiva għandhom iħarsu għajnejhom u l-ġilda minn dawl dirett tax-xemx, jew lampi qawwija ta' ġewwa għal 90 jum. F'dan il-perijodu l-pazjenti għandhom jiċċekjaw għal sensittività eċċessiva għad-dawl residwa (ara sezzjoni 4.4). PhotoBarr ma jitneħhiex b'dijalisi.

### Dawl laser

Dożi ta' dawl minn darbtejn sa tlett darbtejn aktar minn dawk rakkomandati nġhataw lil ftit pazjenti b'tumuri superfiċjali fil-bronki. Pazjent wieħed sofra qtugħ ta' nifs letali, filwaqt li l-bqija ma kellhomx komplikazzjonijiet. Huwa mistenni li jkun hemm żieda fis-sintomi u ħsara lit-tessut normali meta jkun hemm espożizzjoni eċċessiva għad-dawl.

## 5. TAGĦRIF FARMAKOLOĠIKU

### 5.1 Tagħrif farmakodinamiku

Kategorija farmakoterapewtika: Sensitizzaturi użati għal terapija fotodinamika/radjazzjoni, Kodiċi ATC: L01X D01

#### Mekkaniżmu t'azzjoni

Porfimer sodium hija taħlita ta' unitajiet ta' porphyrin, li huma marbutin flimkien fi ktajjen ta' bejn żewġ u tmien unitajiet. L-azzjoni ċitotossika ta' porfimer sodium tiddependi fuq dawl u ossiġnu. Terapija fotodinamika b' PhotoBarr tikkonsisti f'żewġ stadji. L-ewwel proċess jinvolvi injezzjoni golvina b' PhotoBarr. Ir-rata ta' eliminazzjoni ta' PhotoBarr minn tessuti diversi tiegħu l-fuq minn 40-72 sigħat, iżda tumuri, ġilda, u l-organi tas-sistema retikulo-endoteljali (li jinkludu l-fwied u l-milsa) iżżommu porfimer sodium għal perijodu itwal. It-tieni parti tat-terapija tinvolvi l-espożizzjoni għad-dawl laser b' 630 nm wavelength, fuq il-parti li jkollha b'żonn it-trattament. Is-selettività tat-trattament għat-tumur jew għat-tessut displastiku, tista' parzjalment tiġri minħabba li dan it-tip ta' tessut iżomm aktar porfimer sodium, iżda l-aktar minħabba l-mod ta' kif jiġi mwassal id-dawl. Il-ħsara li tiġri liċ-ċelluli minħabba t-terapija fotodinamika PhotoBarr hija konsegwenza tar-reazzjonijiet li jinvolvu radikali liberi. Ir-reazzjonijiet tar-radikali liberi jinbdew wara li porfimer sodium jassorbi d-dawl u

b'hekk porphyrin jifforma stat ta' enerġija ogħla. It-trasferiment tal-għażil minn porfimer sodium għal molekuli tal-ossiġenu jipproduċu ossiġenu fi stat waħdani. Sussegwentement reazzjonijiet tar-radikali jipproduċu superoxide u hydroxyl. It-tumur imut ukoll minħabba nekrożi iskemika li tiġri wara li jinstaddu l-vażi. Dan hu maħsub li jiġri parzjalment permezz ta' thromboxane A<sub>2</sub> li jkun disponibbli. It-trattament bil-laser jikkaġuna effett fotokemikali mhux termali. Ir-reazzjoni nekrotika u l-infjammazzjoni assoċjata ma' kif il-ġisem jirreaġixxi, jiżviluppaw fuq medda ta' diversi jiem.

#### Effikaċja klinika

Fi prova klinika kkontrollata, grupp ta' pazjenti li kienu fuq PhotoBarr PDT + OM ġew mqabbla ma' grupp ta' pazjenti li kienu ngħataw OM biss (n=70). Il-pazjenti li kienu eliġibbli f'dan l-istudju kellhom HGD fl-esofagu ta' Barrett (BO) li ġie kkonfermat b'biopsija. Pazjenti li nstablihom kanċer invażiv fl-esofagu ġew esklużi jekk kellhom storja medika ta' kanċer minbarra kanċer tal-ġilda li mhuwex melanoma, jew jekk ma kienx għad li jkollhom trattamenti qabel ta' PDT fl-esofagu. Raġunijiet oħrajn biex pazjenti ġew esklużi kienu kontraindikazzjoni għal użu ta' terapija b'omeprazole.

Pazjenti magħżula b'mod *każwali* għat-trattament bit-terapija fotodinamika ngħataw PhotoBarr f'doża ta' 2 mg/kg ta' piż tal-ġisem permezz ta' injezzjoni ġol-vina. L-injezzjoni ngħatat fuq bejn 3 sa 5 minuti. Wara l-injezzjoni ta' PhotoBarr, il-pazjenti ngħataw trattamenti jew tnejn bid-dawl laser. L-ewwel sessjoni bid-dawl laser saret 40-50 siegħa wara l-injezzjoni u tliet sessjoni jekk dan ġie indikat saret wara 96-120 siegħa. L-għoti flimkien ma' omeprazole (20 mg BID) beda tal-anqas jumejn qabel l-injezzjoni ta' PhotoBarr. Pazjenti li ġew magħżula b'mod *randomised* fil-grupp OM, ngħataw mill-ħalq 20 mg omeprazole BID, matul dan l-istudju.

Il-pazjenti ġew sorveljati kull 3 xhur sakemm ir-riżultati tal-biopsija u l-endoskopija urew għal erba' darbiet wara xulxin li ma' kienx hemm HGD u mbagħad darbtejn f'sena sakemm l-aħgar pazjent arwolot kien lesta minimu ta' 24 xahar ta' evalwazzjonijiet wara randomizzazzjoni.

PhotoBarr PDT + OM kien effettiv biex innhehhi HGD f'pazjenti b' esofagu ta' Barrett. L-analiżi finali saret mill-anqas wara sorveljanza ta' 24 xhur. Il-perċentwal ta' pazjenti li tfejqu għal kollox minn HGD kien statistikament sinifikanti (77%) fil-grupp ta' PhotoBarr PDT + OM, meta mqabbel ma' riżultat miksub ta' 39% mill-grupp ta' OM biss ( $p < 0.0001$ ). 52% tal-pazjenti fil-grupp PDT + OM, urew li kellhom iċ-ċelluli tal-epitelju normali, filwaqt li 59% ma kellhomx displasja, meta mqabbla ma' 7% u 14% fil-grupp ta' OM biss ( $p < 0.0001$ ). Dawn ir-riżultati jikkonfermaw oħrajn li wara mill-anqas sorveljanza ta' 6 xhur kien hemm fejqan minn HGD f' 72% tal-pazjenti li kienu fil-grupp PhotoBarr PDT + OM, meta mqabbla ma' 31% fil-grupp OM biss. Wieħed u erbgħin fil mija tal-pazjenti urew li kellhom ċelluli tal-epitelju *squamous* anormali, filwaqt li 49% ma kellhomx displasja.

Wara mill-anqas sentejn sorveljanza, 13% tal-grupp PhotoBarr PDT + OM, żviluppaw kanċer, meta mqabbla ma' 28% fil-grupp li użaw OM biss fil-popolazzjoni ITT (intent to treat). Il-proporzjon ta' pazjenti li żviluppaw kanċer fil-grupp PhotoBarr PDT + OM kien statistikament aktar baxx mill-grupp li użaw OM biss ( $p = 0.0060$ ). Il-kurva ta' sopravivenza tindika li matul l-istudju kollhu, pazjenti li kienu fil-grupp PDT + OM kellhom 83% ċans li ma jiżviluppawx kanċer, meta mqabbla ma' 53% ċans fil-każ ta' pazjenti tal-grupp OM biss. Meta il-kurvi tas-sopravivenza taż-żewġ trattamenti jiġu mqabbla permezz ta' test log rank, wieħed issib li hemm differenza li hija statistikament sinifikanti bejn iż-żewġ kurvi taż-żewġ gruppi tal-popolazzjoni ITT ( $p = 0.0014$ ). Din tindika dewmien sinifikanti fil-iżvilupp tal-kanċer.

## **5.2 Tagħrif farmakokinetiku**

Studju farmakokinetiku sar fuq 12-il pazjent li kellhom kanċer fil-bronki u 23 individwu b'saħħtu (11-il raġel u 12-il mara) li ngħataw 2 mg/kg portimer sodium b'injezzjoni ġol-vina bil-mod. Kampjuni tal-plażma ttieħdu sa 56 jum (pazjenti) jew 36 jum (voluntieri) wara l-injezzjoni.

Fil-pazjenti, il-medja ta' l-ogħla konċentrazzjoni fil-plażma ( $C_{max}$ ) kienet ta' 79.6 µg/ml (CV 61%, medda ta' 39-222), filwaqt li tal-voluntieri  $C_{max}$  kien ta' 40 µg/ml u  $AUC_{inf}$  kien ta' 2400 µg/ml.

### *Distribuzzjoni*

Madwar 90% ta' porfimer sodium jeħel *in vitro* ma' proteini tas-serum fil-ġisem tal-bniedem, b' mod indipendenti mill-konċentrazzjoni ta' bejn 20 u 100 µg/ml.

### *Eliminazzjoni*

Porfimer sodium jitneħħa bil-mod mill-ġisem b'rata medja  $CL_T$  ta' 0.859 ml/h/kg (CV 53%) f'pazjenti. It-tnaqqis fis-serum kien bi-esponenzjali, b'fażi ta' distribuzzjoni u fażi twila ħafna u fażi ta' eliminazzjoni twila ħafna li tkun bdiet madwar 24 siegħa wara l-injezzjoni. Il-half-life ta' eliminazzjoni medja ( $t_{1/2}$ ) kienet ta' 21.5 ijiem (CV 26 %, medda 264-672) f'pazjenti u 17-il jum wara f'voluntieri.

### *Popolazzjonijiet speċifiċi*

L-influwenza ta' l-indeboliment tal-kliewi u tal-fwied fuq l-espożizzjoni ta' porfimer sodium ma ġiex mistħarreġ (ara sezzjonijiet 4.2, 4.3 u 4.4).

Il-ġeneru ma kellux effett fuq il-fatturi farmakokinetiċi, minbarra  $t_{max}$ , li kellha valur ta' 1.5 sigħat fin-nisa u 0.17 sigħat fl-irġiel. Fil-ħin mistenni biex ikun hemm trattament bid-dawl, 40-50 sigħat wara l-injezzjoni, il-profilu farmakokinetiċi ta' PhotoBarr fin-nisa u l-irġiel kienu bħal xulxin.

## **5.3 Tagħrif ta' qabel l-użu kliniku dwar is-sigurtà tal-mediċina**

Porfimer sodium ma kienx mutaġeniku f'testijiet ġenotossiċi standard fl-assenza tad-dawl. B'attivazzjoni bid-dawl, porfimer sodium wera li huwa mutaġeniku f'ċerti testijiet tal-laboratorju *in vitro*.

Studji tossikoloġiċi fuq is-sistema riproduttiva ma kienux biżżejjed biex jassiguraw is-sikurezza ta' porfimer sodium waqt it-tqala. Dan għax ma ntużax l-attivazzjoni bid-dawl. F' dawn l-istudji intwera li kien hemm tossiċità fuq il-fetu tal-firien u fniek, iżda mhux teratoġeniċità. Dan sar meta l-annimali ngħataw dożi elevati intravenużi (akbar jew daqs 4 mg/kg) u bi frekwenza akbar (kuljum) meta mqabbla mal-użu fil-klinika.

Studji ta' qabel l-użu kliniku jindikaw li l-eliminazzjoni prinċipali ta' porfimer sodium issir prinċipalment fl-ippurgar.

## **6. TAGĦRIF FARMAĊEWTIKU**

### **6.1 Lista ta' sustanzi mhux attivi**

Aċidu idrokloriku (għal aġġustament tal-pH)  
Idrossidu tas-sodju (għal aġġustament tal-pH)

### **6.2 Inkompatibilitajiet**

Dan il-prodott mediċinali m'għandux jitħallat ma' prodotti mediċinali oħrajn, ħlief dawk imsemmija f' sezzjoni 6.6.

### **6.3 Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediċinali**

*Trab:* 3 snin

*Wara li jiġi rikostitwit:* użu minnufih (fi żmien 3 sigħat).

Wara li jkun ġie rikostitwit, PhotoBarr għandu jintuża mal-ewwel (fi żmien 3 sigħat) . Huwa għandu jiġi mħares mid-dawl. Stabbiltà kimika u fiżika tal-prodott għall-użu ġiet murija għal 3 sigħat f' temperatura ta' 23°C. Minn aspett mikrobijoloġiku, il-prodott għandu jintuża minnufih. Jekk ma'

jintużax minnufih, il-ħażna tiegħu għall-użu u kundizzjonijiet qabel l-użu huma r-responsabbiltà tal-utent.

#### **6.4 Prekawzjonijiet speċjali għall-ħażna**

Żomm fejn ma jintlaħaqx u ma jidhirx mit-tfal.

M'għandekx tuża wara d-data ta' skadenza li tidher fuq il-kartuna u l-kunnett wara JIS.

Taħżinx f'temperatura 'l fuq minn 25°C.

Żomm il-kunnett fil-kartuna ta' barra sabiex tilqa' mid-dawl

Għal kundizzjonijiet ta' ħażna tal-prodott mediċinali rikostitwit, ara sezzjoni 6.3

#### **6.5 In-natura tal-kontenitur u ta' dak li hemm ġo fih**

75 mg trab f'kunjetti (ħġieġ tip I, jesa' 40 ml) b'tapp griż tal-butyl.

Daqs tal-pakk: kunjett l.

#### **6.6 Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu meta jintrema u għal immaniġġar ieħor**

##### *Rikostituzzjoni*

Il-kunnett ta' 75 mg ta' PhotoBarr għandu jiġi rikostitwit b'31.8 ml ta' 5% glucoseta' infużjoni intravenuża, għal konċentrazzjoni finali ta' 2.5 mg/ml ta' porfimer sodium għal soluzzjoni għall-injezzjoni.

Tużax dilwenti oħrajn. M'għandekx tħallat PhotoBarr ma' mediċini oħrajn fl-istess soluzzjoni. Għandhom jitlestew biżżejjed fjali ta' PhotoBarr sabiex jipprovdu l-pazjent b'doża ta' 2 mg/kg bil-kalkulazzjoni ta' hawn isfel. Għal biċċa l-kbira tal-pazjenti (sa 75 kg) żewġ kunjetti ta' PhotoBarr 75 mg huma biżżejjed. Kull kunjett ta' 15 mg PhotoBarr ikun meħtieġ għal kull 7.5 kg addizzjonali ta' piż tal-ġisem.

##### *Titjir u rimi*

Kull titjir ta' PhotoBarr għandu jintmesaħ b'biċċa niedja. Kull kuntatt mal-ġilda u l-għajnejn għandu jiġi evitat minħabba l-potenzjal ta' reazzjonijiet fotosensittivi mal-espożizzjoni għad-dawl; l-użu ta' ingwanti u ta' protezzjoni tal-għajnejn huwa rakkomandat.

PhotoBarr huwa għal użu ta' darba biss u kull soluzzjoni mhux użata għandha tintrema.

Kull fdal tal-prodott li ma jiġix użat jew skart li jibqa wara l-użu tal-prodott għandu jintrema kif jitolbu l-liġijiet lokali.

##### *Espożizzjoni aċċidentali*

PhotoBarr la huwa irritant okulari primarju u lanqas irritant dermal. Madankollu, minħabba l-probabbiltà li tiġi indotta fotosensittività, PhotoBarr jista' jkun irritant tal-għajnejn u/jew tal-ġilda fil-preżenza ta' dawl luminuż. Huwa importanti li tevita l-kuntatt mal-għajnejn u mal-ġilda waqt il-preparazzjoni u/jew l-ġhoti. Bħal fil-każ ta' doża terapewtika, kull persuna li aċċidentalment ħa doża eċċessiva għandu jiġi protett mid-dawl luminuż.

### **7. ID-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

Pinnacle Biologics B.V.  
p/a Trust Company Amsterdam B.V.  
Crystal Tower 21st Floor,  
Orlyplein 10, 1043 DP Amsterdam  
l-Olanda

**8. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

EU/1/04/272/002

**9. DATA TAL-EWWEL AWTORIZZAZZJONI /TIĠDID TAL-AWTORIZZAZZJONI**

Data tal-ewwel awtorizzazzjoni: 25 ta' Marzu 2004

Data tal-aħħar reviżjoni: 4 ta' Marzu 2009

**10. DATA TA' META ĠIET RIVEDUTA L-KITBA**

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott tinsab fuq is-sit elettroniku ta' l-Aġenzija Ewropeja  
dwar il-Mediċini <http://www.ema.europa.eu>

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzati

## **ANNESS II**

- A. DETENTUR(I) TA' L-AWTORIZZAZZJONI TAL-MANIFATTURA RESPONSABBLI GĦALL-ĦRUĠ TAL-LOTT >**
- B. KUNDIZZJONIJIET TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

**A. DETENTUR (I) TA' L-AWTORIZZAZZJONI TAL-MANIFATTURA RESPONSABBLI GĦALL-ĦRUĠ TAL-LOTT**

Isem u indirizz tal-manifattur responsabbli għall-ħruġ tal-lott.

Axcan Pharma SAS  
Route de Bû  
78550 Houdan  
Franza

**B. KUNDIZZJONIJIET TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**  
• **KUNDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET FUQ IL-FORNIMENT U L-UŻU IMPOSTI FUQ ID-DETENTUR TA' L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

Prodott mediċinali jingħata b'riċetta ristretta tat-tabib (Ara Anness I: Sommarju tal-Karatteristiċi tal-Prodott, sezzjoni 4.2)

• **KUNDIZZJONIJIET JEW RESTRIZZJONIJIET FIR-RIGWARD TAL-UŻU MINGĦAJR PERIKLU U EFFETTIV TAL-PRODOTT MEDIĊINALI**

Id-Detentur tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq għandu jfittiehem dwar il-materjal edukattiv mal-Awtoritajiet Kompetenti Nazzjonali sabiex jiżgura li l-professjonisti kollha tal-kura tas-saħħa li għandhom ħsieb jippreskrivu u jgħid li qassmu PhotoBarr jiġu provduti b'dan li ġej:

- Gwida għal min jikteb ir-riċetti
- Kitt ta' slides għal min jikteb ir-riċetti
- Gwida dwar l-għoti u l-monitoraġġ mill-professjonisti tal-kura tas-saħħa
- Kard ta' alert lil pazjent
- Gwida tal-pazjent

L-elementi ewlenin li għejjin għandhom jiġu inklużi fil-materjal edukattiv

Il-gwida ta' min jikteb ir-riċetti u l-kitt ta' slides ta' min jikteb ir-riċetti

- L-għodod edukattivi huma maħsuba biex jgħinu lit-tobba sabiex jagħmlu l-aħjar użu fuq il-proporzjon ta' siwi-riskju għal trattament ta' porfimer.
- Pazjenti M'GĦANDHOMX jiu trattati b'porfimer jekk:
  - o ikollhom mard tal-fwied sever
  - o għandhom fistli fit-trakea jew bronki-esofaġeali
  - o ikollhom tmermir suspettat tal-vażi tad-demem ewlenin.
- Kawtela għandha tiġi eżerċitata jekk il-pazjenti ikollhom mard tal-fwied moderat
- Qabel tinbeda t-terapija,
  - o Il-pazjent għandu jiġi skrinjat għat-tip ta' ġilda
  - o Il-pazjenti għandhom ikunu konxji dwar il-half-life twil ta' porfimer u li l-kompost jiġi attiv bid-dawl.
  - o Pazjenti għandhom jevitaw li jiġu esposti għad-dawl għal 60-90 jum wara l-espożizzjoni
  - o Il-pazjenti kollha għandhom ikunu jafu li imblokk bl-UV mhux effettiv biex jimblokka d-dawl viżibbli li jattiva porfimer
  - o Pazjenti għandhom ikunu konxji dwar fatturi ta' riskju potenzjali (fototip tal-ġilda u indeboliment epatiku).
  - o Pazjenti għandhom jingħataw struzzjonijiet sabiex ifittxu attenzjoni medika jekk ikun hemm sinjali/sintomi ta' fotosensittività waqt u wara t-terapija b'porfimer.

#### Gwida dwar l-għoti u l-monitoraġġ mill-professjonisti tal-kura tas-saħħa

- Huwa importanti li ssegwi eżattament l-istadji korretti għar-rikostituzzjoni u l-għoti ta' porfimer.
- Huwa importanti li tingħata d-doża xierqa ta' dawl u kontroll xieraq għal-laser.
- Kull fdal tal-prodott li ma jkunx intuża jew skart li jibqa wara l-użu tal-prodott għandu jintrema kif jitolbu l-liġijiet lokali.
- Professjonisti tal-kura tas-saħħa għandhom ikunu konxji dwar effetti kollaterali waqt u ftit wara t-trattament, u kif wieħed għandu jitrattom.
- Pazjenti għandhom jingħataw twissija dwar il-possibilità ta' effetti kollaterali fuq tul ta' żmien, speċjalment fotosensittività, u l-bżonn ta' assistenza medika jekk ikun hemm bżonn.
- Irreġistra t-tip ta' ġilda tal-pazjent u d-data tal-injezzjoni fuq il-kard ta' alert tal-pazjent.

#### Kard ta' alert tal-pazjent

- Il-bżonn li l-kard tintwera lil kull tabib li jkun qed jikkurah
- Li PhotoBarr
  - o Jibqa' fil-ġisem għal 60-90 jum wara li tingħata l-injezzjoni
  - o Jiġi attiv bid-dawl viżibbli
  - o Hemm riskju ogħla ta' fotosensittività (sensittività għad dawl)
  - o Il-ġilda esposta ser issir ħamra u tikkawża skonfort f'ħafna każijiet imma każijiet severi ta' fotosensittività huma possibbli
  - o Sun blocks kummerċjalment disponibbli m'humiex effettivi biex jevitaw is-sensittività minħabba d-dawl.
  - o Fotosensittività tista' tiġi evitata billi ma jkunx hemm espożizzjoni għax-xemx għal 90 jum wara li tirċievi injezzjoni ta' PhotoBarr
- M'għandekx tiġi trattat b'PhotoBarr jekk għandek mard tal-fwied sever (eż. ċirrosi)
- Għandek tiġi skrinjat għat-tip ta' ġilda
- Hemm post fuq il-kard għat-tabib biex jirrikordja t-tip ta' ġilda u d-data tal-injezzjoni.

#### Gwida tal-pazjent

- Sfont fil-qosor u introduzzjoni dwar l-esofagu ta' Barrett u displasja ta' grad għoli
- X'inhom terapija fotodinamika
- Il-pazjenti għandhom jinfurmaw lit-tabib tagħhom jekk ikollhom mard tal-fwied sever qabel jibdeu it-terapija.
- Li PhotoBarr
  - o Jibqa' fil-ġisem tiegħek għal 60-90 jum wara li tirċievi l-injezzjoni
  - o Jiġi attiv bid-dawl viżibbli
  - o Hemm riskju ogħla ta' fotosensittività (sensittività għad dawl)
  - o Il-ġilda esposta ser issir ħamra u tikkawża skonfort f'ħafna każijiet imma każijiet severi ta' fotosensittività huma possibbli
  - o Sun blocks kummerċjalment disponibbli m'humiex effettivi biex jevitaw is-sensittività minħabba d-dawl.
- Fotosensittività tista' tiġi evitata billi ma jkunx hemm espożizzjoni għax-xemx għal 90 jum wara li tirċievi injezzjoni ta' PhotoBarr
- Huwa importanti li jgħidu lit-tabib tagħhom li jekk ikunu esposti għad dawl tax-xemx wara li jirċievu t-trattament b'PhotoBarr
- Hemm għadd ta' effetti kollaterali li l-pazjenti għandhom ikunu konxji dwarhom

- **KUNDIZZJONIJIET OĦRA**

*Pjan ta' Ġestjoni dwar ir-Riskju*

Id-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq jimpenja ruħu li jwettaq studju ta' reġistru u attivitajiet ta' farmakoviġilanza, skond il-Pjan ta' Farmakoviġilanza, kif miftehem fil-verżjoni 2 tal-Pjan ta' Ġestjoni dwar ir-Riskju (RMP) preżentata f'Modulu 1.8.2 tal-Applikazzjoni tal-Awtorizzazzjoni għat-Tqegħid fis-Suq u kull aġġornament sussegwenti tal-RMP miftiehem mis-CHMP.

Skond il-Linja Gwida ta' CHMP dwar Sistemi ta' Ġestjoni dwar ir-Riskju għal prodotti mediċinali li jintużaw mill-bniedem, RMP aġġornat għandu jiġi sottomess fl-istess ħin tar-Rapport ta' Aġġornament Perijodiku dwar is-Sigurtà (PSUR).

Barra minn hekk, RMP aġġornat għandu jiġi sottomess:

- Meta jasal tagħrif ġdid li jista' jkollu impatt fuq l-Ispesifikazzjoni dwar is-Sigurtà attwali, il-Pjan ta' Farmakoviġilanza u attivitajiet li jnaqqsu r-riskju
- Fi żmien 60 jum li jintlaħaq tragward importanti (farmakoviġilanza dwar minimizzazzjoni ta' riskju)

Fuq talba tal-EMA

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

**ANNES III**

**TIKKETTA U FULJETT TA' TAGĦRIF**

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzat

**A. TIKKETTA**

**TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA**

Kartuna 15 mg

**1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI**

PhotoBarr 15 mg trab għal soluzzjoni għall-injezzjoni  
Porfimer sodium

**2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA**

Kull kunjett fih 15 mg trab ta' porfimer sodium.  
Wara rikostituzzjoni, kull ml fih 2.5 mg porfimer sodium

**3. LISTA TA' SUSTANZI MHUX ATTIVI**

Hydrochloric acid, sodium hydroxide (għal aġġustament ta' pH).

**4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT**

Trab għal soluzzjoni għall-injezzjoni.  
Kunjett wieħed

**5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA**

Għal użu ġol-vina  
Aqra l-fuljett li jinsab fil-pakkett qabel l-użu.

**6. TWISSIJA SPEĊJALI LI L-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JINTLAĦAQX U MA JIDHIRX MIT-TFAL**

Żomm fejn ma jintlaħaqx u ma jidhirx mit-tfal.

**7. TWISSIJA(IET) SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA****8. DATA TA' META JISKADI**

JIS:

**9. KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN**

Taħżinx f'temperatura 'l fuq minn 25°C.  
Żomm il-kunjett fil-kartuna ta' barra sabiex tilqa mid-dawl  
Wara li tirrikostitwixxi, ipproteġi mid-dawl uża fi żmien 3 sigħat.

**10. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM**

**BŻONN.**

**11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TA' L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

Pinnacle Biologics B.V.  
p/a Trust Company Amsterdam B.V.  
Crystal Tower 21st Floor,  
Orlyplein 10, 1043 DP Amsterdam  
l-Olanda

**12. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

EU/1/04/272/001

**13. NUMRU TAL-LOTT**

Lott:

**14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA**

Prodott mediċinali jingħata bir-riċetta tat-tabib.

**15. ISTRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU**

**16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE**

Il-ġustifikazzjoni biex ma jkunx inkluż il-Braille hija aċċettata

**TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETTI Ż-ŻGĦAR EWLENIN****Kunjett ta' 15 mg - 7 ml****1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI U MNEJN GĦANDU JINGĦATA**

PhotoBarr 15 mg trab għal soluzzjoni għall-injezzjoni  
Porfimer sodium  
Jittieħed minn ġol-vina

**2. METODU TA' KIF GĦANDU JINGĦATA**

Aqra l-fuljett li jinsab fil-pakkett qabel l-użu.

**3. DATA META JISKADI**

JIS:

**4. NUMRU TAL-LOTT**

Lott:

**5. IL-KONTENUT SKOND IL-PIŻ, VOLUM, JEW PARTI INDIVIDWALI**

15 mg

**6. OĦRAJN**

**TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETT TA' BARRA**

**Kartuna - 75 mg**

**1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI**

PhotoBarr 75 mg trab għal soluzzjoni għall-injezzjoni  
Porfimer sodium

**2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA(I) ATTIVA**

Kunnett fih 75 mg trab ta' porfimer sodium.  
Wara rikostituzzjoni, kull ml ta' soluzzjoni fih 2.5 mg porfimer sodium.

**3. LISTA TA' SUSTANZI MHUX ATTIVI**

Hydrochloric acid, sodium hydroxide (għal aġġustament ta' pH).

**4. GĦAMLA FARMAĊEWTIKA U KONTENUT**

Trab għal soluzzjoni għall-injezzjoni.  
Kunnett 1

**5. MOD TA' KIF U MNEJN JINGĦATA**

Għal użu ġol-vina  
Aqra l-fuljett li jinsab fil-pakkett qabel l-użu.

**6. TWISSIJA SPEĊJALI LIL-PRODOTT MEDIĊINALI GĦANDU JINŻAMM FEJN MA JINTLAĦAQX U MA JIDHIRX MIT-TFAL**

Żomm fejn ma jintlaħaqx u ma jidhirx mit-tfal.

**7. TWISSIJA(IET) SPEĊJALI OĦRA, JEKK MEĦTIEĠA**

**8. DATA TA' META JISKADI**

JIS:

**9. KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI TA' KIF JINĦAŻEN**

Taħżinx f'temperatura 'l fuq minn 25°C.  
Żomm il-fjala fil-kartuna ta' barra sabiex tilqa mid-dawl  
Wara r-rikostituzzjoni, ipproteġi mid-dawl u uża minnufih fi żmien 3 sigħat.

**10. PREKAWZJONIJIET SPEĊJALI GĦAR-RIMI TA' PRODOTTI MEDIĊINALI MHUX UŻATI JEW SKART MINN DAWN IL-PRODOTTI MEDIĊINALI, JEKK HEMM**

**BŻONN.**

**11. ISEM U INDIRIZZ TAD-DETENTUR TA' L-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

Pinnacle Biologics B.V.  
p/a Trust Company Amsterdam B.V.  
Crystal Tower 21st Floor,  
Orlyplein 10, 1043 DP Amsterdam  
l-Olanda

**12. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ**

EU/1/04/272/002

**13. NUMRU TAL-LOTT**

Lott:

**14. KLASSIFIKAZZJONI ĠENERALI TA' KIF JINGĦATA**

Prodott mediċinali jingħata bir-riċetta tat-tabib.

**15. ISTRUZZJONIJIET DWAR L-UŻU**

**16. INFORMAZZJONI BIL-BRAILLE**

**TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETTI Ż-ŻGĦAR EWLENIN**

**Kunjett 75 mg - 40 ml**

**1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI U MNEJN GĦANDU JINGĦATA**

PhotoBarr 75 mg trab għal soluzzjoni għall-injezzjoni  
Porfimer sodium  
Jittieħed minn ġol-vina

**2. METODU TA' KIF GĦANDU JINGĦATA**

Aqra l-fuljett li jinsab fil-pakkett qabel l-użu.

**3. DATA META JISKADI**

JIS:

**4. NUMRU TAL-LOTT**

Lott:

**5. IL-KONTENUT SKOND IL-PIŻ, VOLUM, JEW PARTI INDIVIDWALI**

75 mg

**6. OĦRAJN**

Prodott mediċinali li n'għadux awtorizzat

## **B. FULJETT TA' TAGĦRIF**

## **FULJETT TA' TAGĦRIF: INFORMAZZJONI GĦAL MIN QED JAGĦMEL UŻU MINNU**

### **PhotoBarr 15 mg trab għal soluzzjoni għall-injezzjoni** Porfimer sodium

**Aqra sew dan il-fuljett kollu qabel tibda tuża din il-mediċina.**

- Żomm dan il-fuljett. Jista' jkollok bżonn terġa taqrah.
- Jekk ikollok aktar mistoqsijiet, staqsi lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.
- Jekk xi wieħed mill-effetti sekondarji jiggrava jew jekk tinnota xi effetti sekondarji li m'humix imsemmijin f'dan il-fuljett, jekk jogħġbok, għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

#### **F'dan il-fuljett**

1. X'inhu PhotoBarr u għalxiex jintuża
2. Qabel ma tuża PhotoBarr
3. Kif għandek tuża PhotoBarr
4. Effetti sekondarji li jista' jkollu
5. Kif taħżen PhotoBarr
6. Aktar tagħrif

#### **1. X'INHU PHOTOBARR U GĦALXIEX JINTUŻA**

PhotoBarr hija mediċina attivata bid-dawl f'terapija fotodinamika (PDT), f' kombinazzjoni ma' dawl laser aħmar li ma jaħraqx. PDT speċifikament hu mmirat u jeqred ċelluli anormali.

PhotoBarr huwa użat biex ineħħi displasja ta' grad għoli (ċelluli b'bidliet atipiċi li jżidu r-riskju li jiżviluppa l-kanċer) f'pazjenti li għandhom esofagu ta' Barrett.

#### **2. QABEL MA TUŻA PHOTOBARR**

##### **Tużax PhotoBarr**

- jekk inti allerġiku/a (tbat minn sensittività eċċessiva) għal porfimer sodium, jew porfirini oħra jew sustanza ta' PhotoBarr (elenkata f'sezzjoni 6, 'X' fih PhotoBarr')
- jekk għandek porfirja
- jekk għandek ftuħ (fistula) bejn l-esofagu u l-passaġġi tan-nifs
- jekk tbat minn variċi għal vini tal-esofagu jew tgħawwir ta' vażi tad-demmm maġġuri
- jekk għandek ulċeri ta' daqs partikolari fl-esofagu tiegħek
- jekk għandek problemi severi fil-funzjoni tal-fwied jew tal-kliewi

##### **Ogħhod attent ħafna b'PhotoBarr**

Għid lit-tabib tiegħek jekk dan li ġej japplika għalik:

- jekk qed tieħu mediċini oħrajn (ara isfel)
- jekk hemm problemi bil-fwied jew bil-kliewi
- jekk hemm storja fil-familja ta' kataretti
- jekk għandek 75 sena jew aktar
- jekk għandek jew kellek problemi kardijaċi serji jew mard pulmonari.

PhotoBarr m'għandux jintuża fi tfal u adoloxxenti li għandhom inqas minn 18-il sena, minħabba nuqqas ta' esperjenza

### **Meta tieħu mediċini oħra**

Jekk jogħġbok għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek jekk qiegħed tieħu jew ħadt dan l-aħħar xi mediċini oħra, anki dawk mingħajr riċetta. Xi mediċini jistgu jgħollu r-riskju ta' reazzjonijiet ta' fotosensittività pereżempju, antibijotiċi u/jew prodotti tad-dijabete.

### **Meta tieħu PhotoBarr mal-ikel u x-xorb**

L-applikazzjoni tad-dawl laser ser toħloq diffikultajiet biex tibra' (uġigħ, tqalligħ u remettar). Għalhekk, għandek tieħu ikel likwidu għal ftit jiem (f'xi każijiet għal 4 ġimgħat). Jekk it-teħid tal-ikel jew ix-xorb isir impossibbli jew jekk tibqa' tirremetti, jekk jogħġbok irritorna lura fil-klinika għal attenzjoni medika

### **Tqala u treddigħ**

PhotoBarr m'għandux jintuża waqt it-tqala kemm-il darba mhux daqshekk meħtieġ. Nisa li huma ta' età li jista' t-tfal għandhom jieħdu prekawzjonijiet xierqa waqt li qed jingħataw PhotoBarr u sa 90 jum wara li tkun irċevejt PhotoBarr.

Għandek tieqaf tredda' qabel tibda tuża PhotoBarr.

### **Sewqan u tħaddim ta' magni**

Ma sarux studji dwar l-effetti fuq il-ħila biex issaq jew tħaddem magni. Waqt it-trattament tiegħek bid-dawl għandek mnejn jagħtuk kalmant. F'dan il-każ, għandek tevita kull attività li teħtieġ il-prontezza mentali bħal sewqan ta' vettura jew l-użu ta' magna

## **3. KIF GĦANDEK TUŻA PHOTOBARR**

### **Kif taħdem it-terapija fotodinamika (PDT)?**

Kors wieħed ta' PDT tikkonsisti minn injezzjoni waħda flimkien ma' applikazzjoni waħda jew tnejn ta' dawl tal-laser.

Sabiex tiżdied ir-rata ta' rispons tiegħek, għandek mnejn ikollok bżonn tliet korsijiet ta' PDT, separati bejniethom b'90 jum.

*Injezzjoni ta' PhotoBarr:* Għandek tirċievi injezzjoni waħda ġol-vina ta' PhotoBarr (2 mg għal kull kg ta' piż tal-ġisem) bejn 40 sa 50 siegħa qabel trattament bid-dawl laser. Is-soluzzjoni ta' lewn kannella fl-aħmar tiġi injettata bil-mod ġol-vina fuq perijodu ta' bejn 3 sa 5 minuti.

*Trattament bid-dawl laser:* It-tabib tiegħek ser japplika id-dawl laser ħamrani (mhux laser li jaħraq) fiż-żona involuta permezz ta' endoskopu (tagħmir li jintuża ġewwa ċertu partijiet tal-ġisem). Għandek mnejn tirċievi trattament ieħor bid-dawl laser 96-120 siegħa wara l-injezzjoni inizjali ta' PhotoBarr.

Ser tingħata kalmant flimkien ma' anestetiku sabiex jitnaqqas l-iskomfort

### **Jekk tonqos milli tieħu t-trattament bid-dawl id-dawl laser?**

Kemm il-mediċina u kemm id-dawl laser huma meħtieġa għat-terapija Jekk tinduna li tliet xi appuntament għat-trattament tal-laser, ikkuntattja lit-tabib tiegħek minnufih. It-tabib tiegħek ser jiddeċiedi kif tipproċedi bit-trattament tiegħek.

### **Kif tevita li jkollok reazzjoni fotosensittiva**

Reazzjonijiet ta' fotosensittività huma effetti komuni ħafna ta' PhotoBarr (li jaffettwaw aktar minn 2 fi 3 utenti) Dawn jikkonsistu minn reazzjonijiet bħal ħruq mix-xemx, ħmura ħafifa fuq il-ġilda esposta, ġeneralment fil-wieċ u l-idejn. Għal **90 jum** wara l-injezzjoni ta' PhotoBarr, għandek tieħu prekawzjonijiet sabiex tevita l-espożizzjoni tal-ġilda u l-għajnejn għad-dawl. Jekk għandek problemi tal-fwied, dan il-perijodu jista' jkun itwal.

Peress li PhotoBarr hu attivat mill-parti l-ħamra tad-dawl, kremi tad-dlik kontra x-xemx għad-dawl UV (ultravjola) mhux ser jipproteġuk kontra reazzjonijiet ta' fotosensittività.

#### *Xemx diretta:*

Qabel ma tmur biex tieħu l-injezzjoni PhotoBarr tiegħek, iċċekja li fid-dar tiegħek hemm biżżejjed l-quġ u purtieri sabiex jilqgħalek għad-dawl qawwi tax-xemx. Jekk toħroġ waqt is-siġhat ta' dawl tax-xemx (anke f'jiem bis-sħab u waqt li qed tivvjaġġa f'karozza) għandek tieħu l-prekawzjonijiet li ġejjin:

- għatti kemm tista' mill-ġilda billi tilbes qmis ta' komma twila, qalziet twil, kalzetti, żarbun, ingwanti u kappell bil-falda wiesgħa.
- ipproteġi għajnejk billi tilbes nuċċali tax-xemx skur
- tinsix tieħu ilbies protettiv u nuċċali tax-xemx miegħek għall-appuntament li jmissek, peress li int ser tkun fotosensittiv, għadarba tingħatalek l-injezzjoni.

#### *Dawl ta' ġewwa:*

Evita l-espożizzjoni diretta ta' dawl luminanti ta' ġewwa, li jinkludu l-lampi tad-dentist, lampi li jintużaw għal interventi kirurġiċi, lampi mingħajr l-quġ u li toqgħod qrib ta' dawl tan-neon. Madankollu biex tgħaġġel il-proċess naturali sabiex il-mediċina ma tibqax attiva f'ġismek, huwa tajjeb jekk tesponi l-ġilda għal livelli normali ta' dawl ta' ġewwa. M'għandekx għalfejn tibqa' ġo kamra mudlama.

### **Test għal fotosensittività tal-ġilda**

Wara 90 jum mit-teħid tal-injezzjoni PhotoBarr, inti tista' tittestja l-ġilda tiegħek kif ġej:

Aqta' toqba ta' 2 pulzjeri f'borża tal-karti, agħmilha f'idejk jew fuq minkbejk (mhux fuq wieċek). Esponi l-erja żgħira tal-ġilda fid-dawl tax-xemx għal 10 minuti.

Iċċekkja għad dehra ta' marki ħomor, nefħa jew nfafet wara jum

- jekk ebda wieħed minn dawn ma jidher fl-erja esposta, mela jidher li tista' tibda tirritorna għall-attivitajiet normali tiegħek, billi tillimita l-espożizzjoni għax-xemx fis-siġhat ta' nofsinhar.
- jekk xi wieħed minn dawn is-sinjali qed jidher allura ibqa' ipproteġi ruħek mid-dawl illuminanti għal ġimagħtejn oħra, imbagħdad erga' irrepiti t-test tal-ġilda.

Jekk tmur għal vaganza f'żona fejn hemm aktar xemx, ftakar sabiex tirrepeti t-test tal-ġilda. Speċjalment jekk xi partijiet mill-ġilda ma kienux esposti għax-xemx minn meta ħadt it-trattament ta' PhotoBarr.

## **4. EFFETTI SEKONDARJI LI JISTA' JKOLLU**

Bħal kull mediċina oħra, PhotoBarr jista' jkollu effetti sekondarji, għalkemm ma jidhrux fuq kulħadd.

Kull pazjent li jirċievi PhotoBarr ser ikun fotosensittiv (sensitiv għad-dawl) u għandu jiehfu prekawzjonijiet sabiex jevita xemx diretta jew dawl qawwi ġewwa (ara fuq, 'Kif tevita reazzjoni fotosensittiva').

Għarraf lit-tabib tiegħek **minnufih** jekk:

- tinduna b'bidla fil-vista t'għajnejk. Għandek iżżur lill-ispeċjalista tal-għajnejn tiegħek.
- jekk ma tistax tibla xejn jew tibqa' tirremetti.

Effetti sekondarji jistgħu jsejnhu b'ċertu frekwenzi, li huma mfissra kif ġej:

|               |                                                              |
|---------------|--------------------------------------------------------------|
| Komuni ħafna: | li jaffettwaw aktar minn utent 1 f'kull 10                   |
| Komuni:       | li jaffettwaw aktar minn 1 sa 10 utenti f'kull 100           |
| Mhux komuni:  | li jaffettwaw aktar minn 1 sa 10 utenti f'kull 1,000         |
| Rari:         | li jaffettwaw aktar minn 1 sa 10 utenti f'kull 10,000        |
| Rari ħafna:   | li jaffettwaw anqas minn utent 1 f'kull 10,000               |
| Mhux magħruf: | Frekwenza ma tistax tiġi stabbilita mit-tagħrif disponibbli. |

#### Effetti sekondarji komuni ħafna

- deni
- reazzjonijiet ta' fotosensittività (ara sezzjoni 3)
- remettar, tqalligħ
- għafis fl-esofagu, diffikultà biex tibla li jista' jikkawża l-uġigħ, stitikezza, deidrazzjoni.

#### Effetti sekondarji komuni

- uġigħ fid-dahar, uġigħ fid-dirġajn u r-riġlejn,
- uġigħ ta' ras, tħossok nervuż, tneimim, problemi biex torqod.
- ebusija addominali, uġigħ fl-istonku, remettar tad-demmi,
- disturb fil-pajp tal-ikel, bħal ulċera, irritazzjoni jew tagħfis
- ippurgar maħlul, tgħaddi ppurgar b'ċapep suwed, uġigħ fil-grizmejn, tnaqqis fl-aptit, sulluzzu, tifwieq.
- fluwidu fis-sider, uġigħ fis-sider, nifs qasir, uġigħ minħabba t-trattament, rogħda minħabba deni għoli, sirdat,
- telf fil-piż, tnaqqis fl-aptit, tħossok għajjen, ma tibqax ittiegħem.
- ulċera fil-ġilda, raxx, ħakk, ħorriqija, bidla fil-kulur tal-ġilda, grif, ġerħa, tessut mhux normali, boċċa fil-ġilda, ċisti żgħar fuq il-ġilda, ġilda xotta u fraġli.

#### Effetti sekondarji mhux komuni

- diffikultà biex tieħu n-nifs, tnaqqis fil-livell ta' ossiġenu, tifga, il-passaġġi tal-arja jintefħu, fluwidu fil-passaġġ respiratorju, nifs qasir waqt attività fiżika, tħarħir, sogħla bil-materja, tisogħol id-demmi, mniefer imblukkat.
- Infezzjoni fil-pulmun, infezzjoni fis-sinus
- uġigħ fis-sider jew attakk tal-qalb, pressjoni tad-demmi għolja jew pressjoni tad-demmi baxxa, skonfort tas-sider.
- testijiet tad-demmi mhux normali, li jinkludu żieda fl-għadd ta' ċelluli tad-demmi bojod, livelli baxxi ta' potassju.
- emorraġija, tendenza ogħla biex titbenġel
- l-iżvilupp żejjed ta' sider fl-irġiel, ma tistax tgħaddi awrina, intolleranza għat-temperatura, toghriq fil-kesħa
- nefħa ġenerali, uġigħ ġenerali, uġigħ fis-sider muskuloskelettriku, ebusija tal-ġog, infjammazzjoni tal-għarqub

- rogħda, irrikwitezza, tħossok sturdut, tnefnim, fwawar, tħossok debboli, tħossok ma tiffahx.
- telf tas-smigħ, ċenċil fil-widnejn, nefħa fl-għajnejn, uġigħ fl-għajnejn.
- raxx, ħmura fis-sit tal-injezzjoni, infezzjoni fungali fid-dwiefer, infezzjoni tal-ġilda, infafet, ħakk fuq il-ġilda, uġigħ minn ġerħa, il-preżenza ta' tbajja' fuq il-ġilda, xagħar jikber mhux normali.

Frekwenza effetti sekondarji mhux magħrufa

- infezzjoni fil-pulmun
- numru inqas ta' ċelluli ħomor f'demmek
- kataretti
- leżjoni fl-imsaren, ftuħ annormali bejn il-pajp tan-nifs u l-pajp tal-ikel
- reazzjonijiet allerġiċi
- demm magħqud fil-vini tiegħek, imblokkar tal-arterji tad-demm, infjammazzjoni tal-vina.

Jekk xi wieħed mill-effetti sekondarji jiggrava jew jekk tinnota xi effetti sekondarji li m'humieq imsemmijin f'dan il-fuljett, jekk jogħġbok, għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

## 5. KIF TAĦŻEN PHOTOBARR

Żomm fejn ma jintlaħaqx u ma jidhirx mit-tfal.

M'għandekx tuża PhotoBarr wara d-data li jişkadi li tidher fuq il-kartuna u l-kunjett wara JIS.

Taħżinx f'temperatura 'l fuq minn 25 °C.

Żomm il-kunjett fil-kartuna ta' barra sabiex tilqa' mid-dawl.

Wara li jkun ġie rikostitwit, PhotoBarr għandu jiġi mħares mid-dawl u għandu jintuża minnufih (fi żmien 3 sigħat).. Stabbiltà kimika u fiżika tal-prodott għall-użu ġiet murija għal 3 sigħat f' temperatura ta' 23°C. Minn aspett mikrobijoloġiku, il-prodott għandu jintuża minnufih. Jekk ma' jintużax minnufih, il-ħażna tiegħu għall-użu u kundizzjonijiet qabel l-użu huma r-responsabbiltà tal-utent.

## 6. AKTAR TAGĦRIF

### X'fih PhotoBarr:

- Is-sustanza attiva hi porfimer sodium. Kull kunjett fih 15 mg ta' porfimer sodium. Wara r-rikostituzzjoni kull ml fih 2.5 ml porfimer sodium.
- Is-sustanzi l-oħra huma hydrochloric acid u/jew sodium hydroxide (għal aġġustament ta' pH).

### Id-Dehra tal-prodott u d-daqs tal-pakkett

Porfimer sodium hija soluzzjoni għall-injezzjoni ta' lewn kannella fl-aħmar.

Il-prodott jiġi fornut għal użu ta' darba biss.

### Id-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-Suq

Pinnacle Biologics B.V., p/a Trust Company Amsterdam B.V., Crystal Tower 21st Floor,  
Orlyplein 10, 1043 DP Amsterdam, l-Olanda

**Manifattur**

Axcan Pharma SAS, Route de Bû, 78550 Houdan, Franza

**Dan il-fuljett kien approvat l-aħħar f'**

Għal kull tagħrif dwar din il-mediċina, jekk jogħġbok ikkuntattja lir-rappreżentant lokali tad-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-Suq.

Informazzjoni dettaljata dwar din il-mediċina tinsab fuq il-website ta' l-Aġenzija Ewropeja dwar il-Mediċini (EMA) <http://www.ema.europa.eu>

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzati

## **FULJETT TA' TAGĦRIF: INFORMAZZJONI GĦAL MIN QED JAGĦMEL UŻU MINNU**

### **PhotoBarr 75 mg trab għal soluzzjoni għall-injezzjoni** Porfimer sodium

**Aqra sew dan il-fuljett kollu qabel tibda tuża din il-mediċina.**

- Żomm dan il-fuljett. Jista' jkollok bżonn terġa taqrah
- Jekk ikollok aktar mistoqsijiet, staqsi lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.
- Jekk xi wieħed mill-effetti sekondarji jiggrava jew jekk tinnota xi effetti sekondarji li m'humix imsemmijin f'dan il-fuljett, jekk jogħġbok, għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

#### **F'dan il-fuljett**

1. X'inhu PhotoBarr u għalxiex jintuża
2. Qabel ma tuża PhotoBarr
3. Kif għandek tuża PhotoBarr
4. Effetti sekondarji li jista' jkollu
5. Kif taħżen PhotoBarr
6. Aktar tagħrif

#### **1. X'INHU PHOTOBARR U GĦALXIEX JINTUŻA**

PhotoBarr hija mediċina attivata bid-dawl f'terapija fotodinamika (PDT), f' kombinazzjoni ma' dawl laser aħmar li ma jaħraqx. PDT speċifikament hu mmirat u jeqred ċelluli anormali. PhotoBarr huwa użat biex ineħħi displasja ta' grad għoli (ċelluli b'bidliet atipiċi li jżidu r-riskju li jiżviluppa l-kanċer) f'pazjenti li għandhom esofagu ta' Barrett.

#### **2. QABEL MA TUŻA PHOTOBARR**

##### **Tużax PhotoBarr**

- jekk inti allerġiku/a (tbat minn sensittività eċċessiva) għal porfimer sodium, jew porfirini oħra ta' PhotoBarr (elenkata f'sezzjoni 6, 'X' fih PhotoBarr')
- jekk għandek porfirja
- jekk għandek ftuħ (fistula) bejn l-esofagu u l-passaġġi tan-nifs
- jekk tbat minn variċi għal vini tal-esofagu jew tgħawwir ta' vażi tad-demem maġġuri
- jekk għandek ulċeri ta' daqs partikolari fl-esofagu tiegħek
- jekk għandek problemi severi fil-funzjoni tal-fwied jew tal-kliewi

##### **Oqgħod attent ħafna b'PhotoBarr**

Għid lit-tabib tiegħek jekk dan li ġej japplika għalik:

- jekk qed tieħu mediċini oħrajn (ara isfel)
- jekk hemm problemi bil-fwied jew bil-kliewi
- jekk hemm storja fil-familja ta' kataretti
- jekk għandek 75 sena jew aktar
- jekk għandek jew kellek problemi kardijaċi serji jew mard pulmonari.

PhotoBarr m'għandux jintuża fi tfal u adoloxxenti li għandhom inqas minn 18-il sena, minħabba nuqqas ta' esperjenza.

### **Meta tieħu mediċini oħra**

Jekk jogħġbok għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek jekk qiegħed tieħu jew ħadt dan l-aħħar xi mediċini oħra, anki dawk mingħajr riċetta. Xi mediċini jistgħu jgħollu r-riskju ta' reazzjonijiet ta' fotosensittività pereżempju, antibijotiċi u/jew prodotti tad-dijabete.

### **Meta tieħu PhotoBarr mal-ikel u x-xorb**

L-applikazzjoni tad-dawl laser ser toħloq diffikultajiet biex tibra' (uġigħ, tqalligħ u remettar). Għalhekk, għandek tieħu ikel likwidu għal ftit jiem (f'xi każijiet għal 4 ġimgħat).

Jekk it-teħid tal-ikel jew ix-xorb isir impossibbli jew jekk tibqa' tirremetti, jekk jogħġbok irritorna lura fil-klinika għal attenzjoni medika

### **Tqala u treddigħ**

PhotoBarr m'għandux jintuża waqt it-tqala kemm-il darba mhux daqshekk meħtieġ. Nisa li huma ta' età li jista t-tfal għandhom jieħdu prekawzjonijiet xierqa waqt li qed jingħataw PhotoBarr u sa 90 jum wara li tkun irċevejt PhotoBarr.

Għandek tieqaf tredda' qabel tibda tuża PhotoBarr.

### **Sewqan u tħaddim ta' magni**

Ma sarux studji dwar l-effetti fuq il-ħila biex issaq jew tħaddem magni. Waqt it-trattament tiegħek bid-dawl għandek mnejn jagħtuk kalmant. F'dan il-każ, għandek kull attività li teħtieġ il-prontezza mentali bħal sewqan ta' vettura jew l-użu ta' magna.

## **3. KIF GĦANDEK TUŻA PHOTOBARR**

### **Kif taħdem it-terapija fotodinamika (PDT)?**

Kors wieħed ta' PDT tikkonsisti minn injezzjoni waħda flimkien ma' applikazzjoni waħda jew tnejn ta' dawl tal-laser.

Sabiex tiżdied ir-rata ta' rispons tiegħek, għandek mnejn ikollok bżonn tliet korsijiet ta' PDT, separati bejniethom b'90 jum.

*Injezzjoni ta' PhotoBarr:* Għandek tirċievi injezzjoni waħda ġol-vina ta' PhotoBarr (2 mg għal kull kg ta' piż tal-ġisem) bejn 40 sa 50 siegħa qabel trattament bid-dawl laser. Is-soluzzjoni ta' lewn kannella fl-aħmar tiġi injettata bil-mod ġol-vina fuq perijodu ta' bejn 3 sa 5 minuti.

*Trattament bid-dawl laser:* It-tabib tiegħek ser japplika id-dawl laser laser ħamrani (mhux laser li jaħraq) fiż-żona involuta permezz ta' endoskopu (tagħmir li jintuża ġewwa ertu partijiet tal-ġisem). Għandek mnejn tirċievi trattament ieħor bid-dawl laser 96-120 siegħa wara l-injezzjoni inizjali ta' PhotoBarr. Ser tingħata kalmant flimkien ma' anestetiku sabiex jitnaqqas l-skomfort.

### **Jekk tonqos milli tieħu t-trattament bid-dawl id-dawl laser?**

Kemm il-mediċina u kemm id-dawl laser huma meħtieġa għat-terapija Jekk tinduna li tlift xi appuntament għat-trattament tal-laser, ikkuntattja lit-tabib tiegħek minnufih. It-tabib tiegħek ser jiddeċiedi kif tipproċedi bit-trattament tiegħek.

### **Kif tevita li jkollok reazzjoni fotosensittiva**

Reazzjonijiet ta' fotosensittività huma effetti komuni ħafna ta' PhotoBarr (li jaffettwaw aktar minn 2 fi 3 utenti) Dawn jikkonsistu minn reazzjonijiet bħal ħruq mix-xemx, ħmura ħafifa fuq il-ġilda esposta, ġeneralment fil-wiċċ u l-idejn. Għal **90 jum** wara l-injezzjoni ta' PhotoBarr, għandek tieħu prekawzjonijiet sabiex tevita l-espożizzjoni tal-ġilda u l-għajnejn għad-dawl. Jekk għandek problemi tal-fwied, dan il-perijodu jista' jkun itwal.

Peress li PhotoBarr hu attivatt mill-parti l-ħamra tad-dawl, kremi tad-dlik kontra x-xemx għad-dawl UV (ultravjola) mhux ser jipproteġuk kontra reazzjonijiet ta' fotosensittività.

#### *Xemx diretta:*

Qabel ma tmur biex tieħu l-injezzjoni PhotoBarr tiegħek, iċċekja li fid-dar tiegħek hemm biżżejjed l-qugħ u purtieri sabiex jilqgħalek għad-dawl qawwi tax-xemx. Jekk toħroġ waqt is-sigħat ta' dawl tax-xemx (anke f'jiem bis-sħab u waqt li qed tivvjaġġa f'karozza) għandek tieħu l-prekawzjonijiet li ġejjin:

- għatti kemm tista' mill-ġilda billi tilbes qmis ta' komma twila, qalziet twil, kalzetti, żarbun, ingwanti u kappell bil-falda wiesgħa.
- ipproteġi għajnejk billi tilbes nuċċali tax-xemx skur
- tinsix tieħu ilbies protettiv u nuċċali tax-xemx miegħek għall-appuntament li jmissek, peress li inti ser tkun fotosensittiv, għaladarba tingħatalek l-injezzjoni.

*Dawl ta' ġewwa:* Evita l-espożizzjoni diretta ta' dawl luminanti ta' ġewwa, li jinkludu l-lampi tad-dentist, lampi li jintużaw għal interventi kirurġiċi, lampi mingħajr l-qugħ u li toqgħod qrib ta' dawl tan-neon.

Madankollu biex tgħaġġel il-proċess naturali sabiex il-mediċina ma tibqax attiva f'ġismek, huwa tajjeb jekk tesponi l-ġilda għal livelli normali ta' dawl ta' ġewwa. M'għandekx għalfejn tibqa' ġo kamra mudlama.

### **Test għal fotosensittività tal-ġilda**

Wara 90 jum mit-tehd tal-injezzjoni PhotoBarr, inti tista' tittestja l-ġilda tiegħek kif ġej:

Aqta' toqba ta' 2 pulzieri f'borża tal-karti, agħmilha f'idejk jew fuq minkbejk (mhux fuq wiċċek). Esponi l-erja żgħira tal-ġilda fid-dawl tax-xemx għal 10 minuti.

Iċċekkja għad dehra ta' marki ħomor, nefħa jew nfafet wara jum

- jekk ebda wieħed minn dawn ma jidher fl-erja esposta, mela jidher li tista' tibda tirritorna għall-attivitajiet normali tiegħek, billi tillimita l-espożizzjoni għax-xemx fis-sigħat ta' nofsinhar.
- jekk xi wieħed minn dawn is-sinjali qed jidher allura ibqa' ipproteġi ruħek mid-dawl illuminanti għal ġimagħtejn oħra, imbagħad erga' irreperti t-test tal-ġilda.

Jekk tmur għal vaganza f'żona fejn hemm aktar xemx, ftakar sabiex tirreperti t-test tal-ġilda. Speċjalment jekk xi partijiet mill-ġilda ma kienux esposti għax-xemx minn meta ħadt it-trattament ta' PhotoBarr.

#### 4. EFFETTI SEKONDARJI LI JISTA' JKOLLU

Bħal kull mediċina oħra, PhotoBarr jista' jkollu effetti sekondarji, għalkemm ma jidhrux fuq kulħadd.

Kull pazjent li jirċievi PhotoBarr ser ikun fotosensittiv (sensitiv għad-dawl) u għandu jieħu prekawzjonijiet sabiex jevita xemx diretta jew dawl qawwi ġewwa (ara fuq, 'Kif tevita reazzjoni fotosensittiva').

Għarraf lit-tabib tiegħek **minnufih** jekk:

- tinduna b'bidla fil-vista t'għajnejk. Ghandekizzur lill-ispeċjalista tal-għajnejn tiegħek.
- jekk ma tistax tibla xejn jew tibqa' tirremetti.

Effetti sekondarji jistgu jseħħu b'ċertu frekwenzi, li huma mfissra kif ġej:

|               |                                                              |
|---------------|--------------------------------------------------------------|
| Komuni ħafna: | li jaffettwaw aktar minn 1 f'kull 10                         |
| Komuni:       | li jaffettwaw aktar minn 1 sa 10 utenti f'kull 100           |
| Mhux komuni:  | li jaffettwaw aktar minn 1 sa 10 utenti f'kull 1,000         |
| Rari:         | li jaffettwaw aktar minn 1 sa 10 utenti f'kull 10,000        |
| Rari ħafna:   | li jaffettwaw anqas minn 1 f'kull 10,000                     |
| Mhux magħruf: | Frekwenza ma tistax tiġi stabbilita mit-tagħrif disponibbli. |

##### Effetti sekondarji komuni ħafna

- deni
- reazzjonijiet ta' fotosensittività (ara sezzjoni 3)
- remettar, tqalligħ
- għafis fl-esofagu, diffikultà biex tibla li jista' jikkawża l-uġigħ,
- stitikezza, deidrazzjoni.

##### Effetti sekondarji komuni

- uġigħ fid-dahar, uġigħ fid-dirgħajn u r-riġlejn,
- uġigħ ta' ras, tħossok nervuż, nmemnim, problemi biex torqod.
- ebusija addominali, uġigħ fl-istonku, remettar tad-demm,
- disturb fil-pajp tal-ikel, bħal ulċera, irritazzjoni jew tagħfis
- ippurgar maħlul, tgħaddi ppurgar b'ċapep suwed, uġigħ fil-grizmejn, tnaqqis fl-aptit, sulluzzu, tifwieq.
- fluwidu fis-sider, uġigħ fis-sider, nifs qasir, uġigħ minħabba t-trattament, rogħda minħabba deni għoli, sirdat,
- telf fil-piż, tnaqqis fl-aptit, tħossok ghajjen, ma tibqax ittiegħem.
- ulċera fil-ġilda, raxx, ħakk, ħorriqija, bidla fil-kulur tal-ġilda, grif, ġerħa, tessut mhux normali, boċċa fil-ġilda, ċisti żgħar fuq il-ġilda, ġilda xotta u fraġli.

##### Effetti sekondarji mhux komuni

- diffikultà biex tieħu n-nifs, tnaqqis fil-livell ta' ossiġenu, tifga, il-passaġġi tal-arja jintefħu, fluwidu fil-passaġġ respiratorju, nifs qasir waqt attività fiżika, tħarħir, sogħla bil-materja, tisogħol id-demm, mnierher imblukkat.
- Infezzjoni fil-pulmun, infezzjoni fis-sinus
- uġigħ fis-sider jew attakk tal-qalb, pressjoni tad-demm għolja jew pressjoni tad-demm baxxa, skonfort tas-sider.
- testijiet tad-demm mhux normali, li jinkludu żieda fl-għadd ta' ċelluli tad-demm bojod, livelli baxxi ta' potassju.

- emorraġija, tendenza ogħla biex titbenġel
- l-iżvilupp żejjed ta' sider fl-irġiel, ma tistax tgħaddi awrina, intolleranza għat-temperatura, toghriq fil-kesħa
- nefħa ġenerali, uġiġġ ġenerali, uġiġġ fis-sider muskoluskelettriku, ebusija tal-ġog, infjammazzjoni tal-għarqub
- roġhda, irrikwitezza, tħossok sturdut, tnemnim, fwawar, tħossok debboli, tħossok ma tiflaħx.
- telf tas-smiġ, ċenċil fil-widnejn, nefħa fl-ġhajnejn, uġiġġ fl-ġhajnejn.
- raxx, ħmura fis-sit tal-injezzjoni, infezzjoni fungali fid-dwiefer, infezzjoni tal-ġilda, infafet, ħakk fuq il-ġilda, uġiġġ minn ġerħa, il-preżenza ta' tbajja' fuq il-ġilda, xagħar jikber mhux normali.

Frekwenza effetti sekondarji mhux magħrufa

- infezzjoni fil-pulmun
- numru inqas ta' ċelluli ħomor f'demmek
- kataretti
- leżjoni fl-imsaren, ftuħ annormali bejn il-pajp tan-nifs u l-pajp tal-ikel
- reazzjonijiet allerġiċi
- demm magħqud fil-vini tiegħek, imblokkar tal-arterji tad-demm, infjammazzjoni tal-vina.

Jekk xi wieħed mill-effetti sekondarji jiggrava jew jekk minn xi effetti sekondarji li m'humiex imsemmijin f'dan il-fuljett, jekk jogħġbok, għid lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

## 5. KIF TAĦŻEN PHOTOBARR

Żomm fejn ma jintlaħaqx u ma jidhirx mit-tfal.

M'għandekx tuża PhotoBarr wara d-data li jiskadi li tidher fuq il-kartuna u l-kunjett wara JIS.

Taħżinx f'temperatura 'l fuq minn 25 °C.

Żomm il-kunjett fil-kartuna ta' barra sabiex tilqa' mid-dawl.

Wara li jkun ġie rikostitwit, PhotoBarr għandu jiġi mħares mid-dawl u għandu jintuża minnufih (fi żmien 3 sigħat). Huwa għandu jiġi mħares mid-dawl. Stabbilità kimika u fiżika tal-prodott għall-użu għet murija għal 3 sigħat f' temperatura ta' 23°C. Minn aspekk mikrobijoloġiku, il-prodott għandu jintuża minnufih. Jekk ma' jintużax minnufih, il-ħażna tiegħu għall-użu u kundizzjonijiet qabel l-użu huma r-responsabbiltà tal-utent.

## 6. AKTAR TAGĦRIF

### X'fih PhotoBarr:

- Is-sustanza attiva hi porfimer sodium. Kull kunjett fih 75 mg ta' porfimer sodium. Wara r-rikostituzzjoni kull ml fih 2.5 ml porfimer sodium
- Is-sustanzi l-oħra huma hydrochloric acid u/jew sodium hydroxide (għal aġġustament ta' pH).

**Id-Dehra tal-prodott u d-daqs tal-pakkett**

Porfimer sodium hija soluzzjoni għall-injezzjoni ta' lewn kannella fl-aħmar..

Il-prodott jiġi fornuta għal użu ta' darba biss.

**Id-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-Suq**

Pinnacle Biologics B.V., p/a Trust Company Amsterdam B.V., Crystal Tower 21st Floor,  
Orlyplein 10, 1043 DP Amsterdam, l-Olanda

**Manifattur**

Axcan Pharma SAS, Route de Bû, 78550 Houdan, Franza

**Dan il-fuljett kien approvat l-aħħar f'**

Għal kull tagħrif dwar din il-mediċina, jekk jogħġbok ikkuntattja lir-rappreżentant lokali tad-Detentur ta' l-Awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-Suq.

Informazzjoni dettaljata dwar din il-mediċina tinsab fuq il-website ta' l-Aġenzija Ewropeja dwar il-Mediċini (EMA) <http://www.ema.europa.eu>

Prodott mediċinali li m'għadux awtorizzati